# STUDJI SOĊJALI

# Sillabu Ta' L-Iskejjel Primarji

# RAZZJONAL

# L-Ambjent Ġeografiku

# IL-PROGRAMM TA’ L-ISTUDJI SOĊJALI

## Għall-Iskejjel Primarji
## (L-Ambjent Ġeografiku)

## Razzjonal

Il-programm ta’ l-Istudji Soċjali għall-Iskejjel Primarji Maltin għandu jwassal biex it-tfal jagħrfu aktar l-ambjent ġeografiku fl-aspetti differenti tiegħu, jifhmu aħjar is-soċjeta` Maltija fl-isfond Malti, Ewro-Mediterranju u globali, u jiksbu dawk il-ħiliet u l-attitudnijiet li jgħinuhom fil-ħajja tagħhom ta’ ċittadini responsabbli f’rabta ma’ ċittadini oħra f’pajjiżhom u fid-dinja.

## Il-Miri Ġenerali ta’ l-Ambjent Ġeografiku

## Għerf

Tagħrif dwar postijiet u nħawi li jgħinu lit-tfal biex jaraw, f’kuntest ġeografiku, attivitajiet lokali, nazzjonali u internazzjonali.
Tagħrif dwar forom u elementi ġeografiċi li jgħinu lit-tfal biex jaraw, f’kuntest ġeografiku, attivitajiet lokali, nazzjonali u internazzjonali.

## Fehma

Fehma ta’ karatteristiċi importanti tas-sistemi fiżiċi ewlenin tad-Dinja u l-interazzjoni bejn dawn is-sistemi.
Fehma tar-relazzjonijiet li jseħħu bejn attivitajiet umani u proċessi fiżiċi, li jinkludu fatturi li bihom is-soċjeta tinfluwenza l-kundizzjonijiet ambjentali u viċi-versa.

## Ħiliet

Ħiliet li bihom it-tfal jafu jesprimu ruħhom oralment, artistikament u bil-kitba dwar temi ġeografiċi billi jagħrfu jiddeskrivu, jinnutaw il-qbil u d-differenzi bażiċi bejn forom u elementi ġeografiċi.
Ħiliet li bihom l-istudenti jafu jesprimu ruħhom oralment, artistikament u bil-kitba dwar temi ġeografiċi billi jagħrfu jiddeskrivu u jiddiskutu l-interazzjoni li tgħaddi bejn organizzazzjonijiet umani u forom ġeografiċi.
Ħiliet u kompetenzi meħtieġa biex it-tfal jkunu kapaċi jwettqu studji ġeografiċi, speċjalment interpretazzjoni ta’ mapep u *fieldwork.*

## Attitudnijiet

Trawwim fost it-tfal ta' mħabba u rispett lejn l-ambjent ġeografiku.
Trawwim fost it-tfal ta' mħabba u rispett lejn il-grupp li jaħdmu miegħu.
Trawwim fost it-tfal ta' kultura dinamika u kreattiva fl-oqsma kollha msemmija fuq .
Trawwim fost it-tfal ta' interess lejn programmi fuq it-televiżjoni bħall – aħbarijiet, ir-rapport tat-temp, programmi edukattivi u kulturali, programmi fuq in-natura, xjenza , eċċ. L-għalliema huma mħeġġa li jinkludu dawn it-tipi ta' riżorsi fit-tagħlim tagħhom.

# Livelli ta' Tagħlim fl-Ambjent Ġeografiku

Huwa maħsub li tul it-tagħlim fis-snin ta' l-iskola primarja l-maġġoranza tat-tfal jilħqu r-raba' livell fuq skala ta' tmienja.
Il-livelli huma skaluni tat-tagħlim fl-ambjent ġeografiku.

## L-Ewwel Livell

Permezz ta' l-espressjoni orali u bl-għajnuna ta' stampi, it-tfal jagħrfu xi partijiet mill-ambjent naturali u uman fil-lokalita` tagħhom. Fil-klassi jipparteċipaw ukoll f'attivitajiet maħsuba biex ikabbru l-konoxxenza ta' għadd limitat ta' nħawi naturali u umani li jinsabu qrib ir-raħal jew il-belt tagħhom. Huma josservaw ukoll xi ċikli naturali mill-ħajja ta' kuljum eż. il-lejl u n-nhar; ix-xita u x-xemx.

## It-Tieni Livell

Permezz ta' espressjoni orali u artistika u kitba ħafifa, it-tfal jagħrfu firxa limitata ta' elementi fiżiċi u umani li jinsabu fil-lokal tagħhom. Huma wkoll jagħrfu u jiddistingwu elementi u forom fl-ambjent minn fuq ritratti u stampi u dan jagħmluh permezz ta' espressjoni artistika, orali u xi kitba ħafifa. F'dan il-livell l-istudenti jibdew jagħtu xi raġunijiet dwar il-karattru distintiv ta' postijiet differenti fil-lokal tagħhom. Huma jiddeskrivu oralment u artistikament, b'mod sempliċi, xi ċikli naturali mill-ħajja ta' kuljum eż. ix-xitwa u s-sajf; ir-riħ u l-kalma. Barra dan, ikunu jafu jwettqu xi studju ġeografiku ħafif bl-użu ta' xi riżorsi sempliċi.

## It-Tielet Livell

Permezz ta' espressjoni orali u artistika u kitba, it-tfal jafu jagħtu tifsira għal firxa ta' elementi fiżiċi u umani li jinsabu fil-Gżejjer Maltin. Huma wkoll juru li jafu fejn jinsabu l-kontinenti fid-dinja, il-pajjiżi ta' madwar il-Mediterran, il-portijiet ewlenin u l-gżejjer ewlenin f'dan il-baħar. It-tfal jibdew joffru raġunijiet għall-karattru distintiv ta' postijiet u nħawi fil-Gżejjer Maltin. Huma wkoll jifhmu l-linji ġenerali li fuqhom jaħdmu ċ-ċikli naturali tal-ħajja ta' kuljum u t-tibdil interattiv li jseħħ waqt il-proċess ta' xi wħud miċ-ċikli naturali. It-tfal jindikaw xi xorta ta' studju ambjentali u juru li jifhmu u jafu jużaw xi riżorsi meħtieġa biex jitwettaq tiftix ġeografiku.

## Ir-Raba' Livell

Permezz ta' espressjoni orali, kitba, stampi u mapep, it-tfal kapaċi jagħtu tifsira għal firxa ta' bosta elementi fiżiċi u umani li jinsabu fil-Gżejjer Maltin. Huma wkoll juru li jafu jispjegaw xi kuntrasti f'xi oqsma speċifiċi ta' l-ambjent Malti. Juru wkoll li jifhmu xi punti speċifiċi li fuqhom jaħdmu xi sistemi jew ċikli naturali tal-ħajja ta' kuljum u t-tibdil interattiv li jseħħ waqt il-proċess ta' xi wħud minn dawn iċ-ċikli. It-tfal jagħrfu l-kuntrasti bejn il-forom ġeografiċi fl-ambjent Malti u xi wħud fir-reġjun tal-Mediterran u jkunu jafu jagħtu xi raġunijiet għal dawn il-kuntrasti. It-tfal jafu wkoll jiġbru u jippreżentaw tagħrif ta' studju ġeografiku ħafif maħdum fl-istrutturi ta' l-iskola stess. It-tfal jkunu kapaċi jinterpretaw mapep sempliċi u ritratti meħtieġa għal studju ġeografiku u, marbut ma' dan, l-użu bażiku tat-teknoloġija ta' l-informatika.

# RAZZJONAL

# L-Ambjent Soċjali

# IL-PROGRAMM TA' L-ISTUDJI SOĊJALI

## Għall-Iskejjel Primarji
## (L-Ambjent Soċjali)

## Razzjonal

Il-Programm ta' l-Istudji Soċjali għall-Iskejjel Primarji Maltin għandu jwassal biex it-tfal jagħrfu aktar l-ambjent ġeografiku fl-aspetti differenti tiegħu, jifhmu aktar is-soċjeta` Maltija fl-isfond Malti, Ewro-Mediterranju u globali, u jiksbu dawk il-ħiliet u l-attitudnijiet li jgħinuhom fil-ħajja tagħhom ta' ċittadini responsabbli f'rabta ma' ċittadini oħra f'pajjiżhom u fid-dinja.

## Il-Miri Ġenerali fl-Ambjent Soċjali

Aktar milli jħarreġ lit-tfal biex jiftakru u jirriproduċu bl-amment fatti u informazzjoni, l-Istudji Soċjali għandu jagħti tagħrif korrett dwar fatti u ġrajjiet soċjali, iwieżen u jsaħħaħ il-fehma tagħhom, iħarreġ fil-ħiliet bħala għodda meħtieġa għal impenn fil-ħajja tas-soċjeta`, u jiżviluppa attitudnijiet pożittivi. L-aspett ta' l-Ambjent Soċjali fis-sillabu jilħaq dawn l-erba' miri ġenerali billi jipproponi taħriġ fl-oqsma ta':

## Tagħrif:

- jagħrfu l-elementi li jsawru l-ambjenti differenti tagħhom
- ikollhom tagħrif dwar il-karatteristiċi tal-kultura u l-identita' Maltija
- jagħrfu l-proċessi li jseħħu fl-ambjent soċjali
- ikunu jafu b'dawk l-arranġamenti soċjali jew istituzzjonijiet li jaqdu l-ħtiġijiet fis-soċjeta`
- ikunu konxji li huma ċittadini ta' Pajjiżhom, ta' l-Ewropa u tad-Dinja

**Fehma**:

- jifhmu l-aspetti differenti ta’ l-ambjent
- jifhmu r-rabtiet umani fir-relazzjonijiet soċjali
- jifhmu kif huma jagħmlu parti minn grupp u minn istituzzjoni soċjali
- jifhmu l-funzjoni ta’ l-istituzzjonijiet soċjali u l-importanza tagħhom fis-soċjeta`
- jifhmu li bħala ċittadini għandhom drittijiet u dmirijiet
- jifhmu r-rabta bejn drittijiet u dmirijiet
- jagħrfu li Malta hi fl-Ewropa u li hi wkoll parti mill-għaqda ta’ pajjiżi fl-Ewropa magħrufa bħala l-Unjoni Ewropea

**Ħiliet:**

- josservaw l-ambjent, jidentifikaw u jiddeskrivu l-karatteristiċi tiegħu
- jiddeskrivu fatti u ġrajjiet soċjali
- jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-grupp
- jiksbu tagħrif fuq ġrajjiet, fatti u esperjenzi bl-għodod tal-qari, stampi u ritratti, intervisti, u l-użu tat-teknoloġija ta’ l-informatika
- jistaqsu, jaqraw u jfittxu dwar il-kulturi tal-pajjiżi Ewropej, u jsibu xebh bejn l-attivitajiet fi programmi edukattivi Ewropej u l-Istudji Soċjali

**Attitudnijiet:**

- ikunu miftuħin għad-diversita` fl-ideat u l-kultura
- juru li lesti li jisimgħu u jirrispettaw l-ideat ta’ l-oħrajn
- ikunu lesti li jesprimu ideat personali mingħajr ma jweġġgħu s-sentimenti ta’ ħaddieħor
- juru sens ta’ apprezzament ta’ l-ambjent naturali u storiku
- jirrispettaw id-drittijiet ta’ l-oħrajn
- juru li jemmnu fil-paċi u s-solidarjeta` ma’ l-oħrajn
- ikollhom sens ta’ ġustizzja fir-relazzjonijiet tagħhom fil-grupp
- iħarsu aktar lejn il-paċi u n-non-vjolenza fl-Ewropa u fid-dinja milli lejn it-terroriżmu u l-gwerer

## Livelli Ta' Tagħlim fl-Ambjent Soċjali

Ix-xogħol fil-parti ta' l-Ambjent Soċjali hu mfassal fuq proċess ta' tagħlim li matulu t-tfal jilħqu gradatament erba' livelli ta' tagħlim fuq skala sħiħa ta' tmien livelli. Hu mistenni li l-maġġoranza tat-tfal ikunu laħqu r-raba' livell sakemm itemmu l-kors tal-Primarja. Il-livelli ta' tagħlim huma hekk:

### L-Ewwel Livell

It-tfal jagħmlu osservazzjonijiet ħfief fuq dak li jaraw madwarhom billi jsemmu l-oġġetti, l-imkejjen u l-persuni fl-ambjent ta' madwarhom. Jagħrfu l-imġibiet differenti tan-nies u jistaqsu dwar l-ambjent. Esperjenzi ta' soċjalizzazzjoni jibdew jidhru fl-interazzjoni fil-gruppi, kif din turi ruħha fil-komunikazzjoni verbali u non-verbali.

### It-Tieni Livell

It-tfal jagħmlu osservazzjonijiet aktar wiesgħa ta' l-ambjent billi jiddeskrivu oġġetti, imkejjen u persuni, u jqabbluhom ma' tpinġijiet u stampi. Huma jesprimu ideat elementari fuq il-karatteristiċi ta' l-ambjent naturali u dak uman. Juru li huma jagħmlu parti minn grupp billi jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-grupp. Is-sens ta' soċjalizzazzjoni jibda jinħass aktar billi jikkomunikaw b'mod verbali u non-verbali ma' forom differenti ta' mġiba. Juru li lesti li jitgħallmu mill-oħrajn.

### It-Tielet Livell

It-tfal jagħrfu r-rwoli differenti li jsawru l-ambjent soċjali. Huma juru għarfien bażiku ta' l-imġiba u r-relazzjonijiet soċjali fil-grupp. Il-mod kif jesprimu ruħhom, verbalment u bil-kitba ta' sentenzi ħfief, juri li huma qegħdin jifhmu l-ideat ta' nies oħra. Il-karatteristiċi ewlenin ta' l-identita` nazzjonali, bħalma hi l-Lingwa u t-Tradizzjonijiet, jibdew jiġu magħrufa. Xi arranġamenti soċjali fis-soċjeta`, bħall-Familja u l-Edukazzjoni, jibdew jiġu identifikati. Il-proċess ta' soċjalizzazzjoni jibda jinħass aktar hekk kif dawk li jkunu qegħdin jitgħallmu jorbtu l-esperjenzi tagħhom ma' dawk ta' nies oħra fis-soċjeta`.

### Ir-Raba' Livell

It-tfal jiddeskrivu r-rwoli differenti fil-grupp. Huma jiddeskrivu u jqabblu l-modi ta' interazzjoni f'ambjenti soċjali differenti. Jgħidu kif jaħsbuha fuq l-ideat, ir-rwoli u l-imġiba ta' l-oħrajn, u jippreżentaw il-ħsieb tagħhom bil-kitba. Jibdew isemmu drittijiet u dmirijiet bażiċi fil-ħajja tal-grupp. Dawk li jitgħallmu jagħrfu x'inhu r-rwol ta' l-istituzzjonijiet soċjali fil-ħajja ta' nazzjon, u jiddeskrivu dan ir-rwol b'mod orali u bil-kitba. Huma jibdew jaddottaw metodi elementari ta' riċerka, bħalma hu l-ġbir ta' informazzjoni, biex jagħmlu studji deskrittivi ta' l-ambjent soċjali.

# RAZZJONAL

# L-Ambjent Storiku

## Razzjonal

## Il-Miri Ġenerali ta’ l-Ambjent Storiku

L-istudenti għandhom jakkwistaw tagħrif dwar dak li ġara fil-passat biex ikunu jistgħu jifhmu minn xiex għadda minnu pajjiżna. Dan it-tagħrif għandu jkun imsaħħaħ b'interpretazzjoni ta' għala ġara hekk fil-qedem. Huma għandhom jiżviluppaw ħiliet partikolari fl-istorja bħal: li jibdew jifhmu t-tibdil u l-kontinwita' matul iż-żminijiet, jibdew jiżviluppaw idea ta' kronoloġija, jibdew ikunu kapaċi jimmaġinaw lilhom infushom jgħixu f'dak iż-żmien (empatija) u jkunu kapaċi jidentifikaw aspetti ta' natura storika minn diversi sorsi.

#### Deskrizzjoni ta' Livelli

It-tagħlim ta' l-istorja hu mfassal fuq proċess li hu bbażat fuq tmien livelli. Hu mistenni li l-maġġoranza tat-tfal jilħqu t-tielet livell sakemm itemmu l-kors tal-Primarja.

#### L-Ewwel Livell

B'użu ta' diversi riżorsi edukattivi, it-tfal għandhom jiddistingwu bejn il-preżent u l-passat fil-ħajja tagħhom u ta' nies oħra, u jkunu kapaċi jirrakkontaw stejjer sempliċi. Huma jkunu kapaċi jiftakru xi ġrajjiet storiċi b'xi dettal u jkunu kapaċi jirrispondu mistoqsijiet sempliċi fuq il-passat, l-iżjed b'użu ta' stampi.

#### It-Tieni Livell

It-tfal għandhom jibdew jifhmu x'inhi kronoloġija billi jpoġġu xi ftit ġrajjiet wara xulxin u jibdew jużaw terminoloġija sempliċi fuq iż-żmien eż. is-sena l-oħra. Huma għandhom jifhmu u jagħtu xi tagħrif dwar xi wħud mill-ġrajjiet ewlenin u l-personaġġi li studjaw dwarhom. Huma jkunu kapaċi jakkwistaw informazzjoni sempliċi minn diversi tipi ta' evidenza li jinkludu stampi u testi.

**It-Tielet Livell**

It-tfal għandhom jifhmu li ħajjithom kienet differenti mill-ħajja tan-nies l-oħra fil-passat. Huma juru li għandhom tagħrif biżżejjed biex jifhmu l-ġrajjiet ewlenin u l-personaġġi li studjaw fuqhom. Huma jkunu kapaċi jagħmlu osservazzjonijiet sempliċi fuq in-nies li studjaw dwarhom u jistaqsu mistoqsijiet minn diversi sorsi ta' evidenza. Huma jibdew jipproduċu xi forma sempliċi ta' kitba strutturata.

**Ir-Raba' Livell**

It-tfal jibdew jassoċjaw xi ismijiet storiċi ma' perijodi speċifiċi ta' żmien, jirriflettu fuq il-karatteristiċi ta' dawn il-perijodi differenti ta' żmien u jaslu għal xi konklużjonijiet personali. Huma jkunu kapaċi jħaddmu t-tagħrif akkwistat biex jifhmu perijodi differenti ta' l-istorja bl-użu ta' sorsi. Huma jibdew jużaw xi sorsi biex jifhmu aħjar in-nies u l-ġrajjiet. Huma jkunu kapaċi jaslu għal elementi sempliċi ta' empatija u jibdew jimmaġinaw x'kienu xi wħud mir-reazzjonijiet differenti tan-nies fil-passat. Huma jkunu kapaċi jirraġunaw u jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom mill-informazzjoni li jkunu ħadu.

# STUDJI SOĊJALI

# Sillabu Ta' L-Iskejjel Primarji

# L-EWWEL SENA

# MIRI TA' TAGĦLIM

# Fl-Ambjent Ġeografiku
# Għall-Ewwel Sena

| 1.1 IT-TEMP U L-KLIMA | 1.2 IL-PAJSAĠĠ U L-PROĊESSI FIŻIĊI | 1.3 L-UŻU TA' L-ART U TAL-BAĦAR, RIŻORSI U TIBDIL | 1.4 STILI TA' ĦAJJA U ĦARSIEN AMBJENTALI |
|---|---|---|---|
| 1.1.1 Is-Sħana u l-Bard | 1.2.1 Id-dehra tal-pajsaġġ qrib fejn ngħixu: Xi għoljiet, widien u pjanura | 1.3.1 L-isem tal-belt jew raħal tagħna . | 1.4.1 Attivitajiet tat-tfal tul il-jum |
| 1.1.2 X'nilbsu minħabba t-temp | 1.2.2 Tibdil fil-pajsaġġ li jsir mat-tibdil tat-temp | 1.3.2 Bini kbir fil-belt jew raħal tagħna | 1.4.2 Eżempji żgħar ta' kif nistgħu ma naħlux ikel, ilma u karta |
| 1.1.3 Effetti oħra fuq il-ħajja tagħna ta' kuljum | | 1.3.3 Triq ewlenija fil-belt jew raħal tagħna | |
| 1.1.4 It-tibdil li jseħħ madwarna minħabba t-temp | | 1.3.4 Tifsira ta' trasport pubbliku u privat | |
| | | 1.3.5 Użu ieħor ta' l-art: ġonna, għelieqi | |

# MIRI TA' TAGĦLIM

# Fl-Ambjent Soċjali Għall-Ewwel Sena

| 1.1 JIEN U L-OĦRAJN | 1.2 KOMUNIKAZZJONI | 1.3 JIEN U L-AMBJENT |
|---|---|---|
| 1.1.1 It-tfal jagħrfu aħjar lilhom infushom | 1.2.1 It-tfal juru l-ħila li jirrelataw ma' l-oħrajn | 1.3.1 It-tfal juru sens ta' osservazzjoni tal-fatturi ewlenin fl-ambjent ta' madwarhom |
| 1.1.2 Jagħrfu l-ambjent tal-klassi u ambjenti familjari oħra | 1.2.2 Jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-grupp | 1.3.2 Juru l-ħila li jsemmu u jidentifikaw il-karatteristiċi ambjentali |
| 1.1.3 Juru s-sens ta' grupp | 1.2.3 Juru li lesti li jaqsmu oġġetti, stejjer u esperjenzi ma' l-oħrajn | 1.3.3 Juru ħila fl-espressjoni verbali ta' dak li josservaw |

# MIRI TA' TAGĦLIM

# Fl-Ambjent Storiku
# Għall-Ewwel Sena

| TEMA | IKOLLHOM TAGĦRIF DWAR IL-PASSAT | JIFHMU GĦALA ĠARA HEKK FIL-QEDEM | JIFHMU T-TIBDIL U L-KONTINWITA' FL-ISTORJA | L-UŻU TA' SORSI BL-INTERPRETAZZJONI TAGĦHOM U L-IŻVILUPP TA' SENS TA' EMPATIJA |
|---|---|---|---|---|
| 1.1 Jien Innifsi | Ikunu kapaċi jispjegaw minn xiex għaddew minnu f'ħajjithom sa issa u jkunu kapaċi jqiegħdu l-ġrajjiet wara xulxin | Jifhmu li dak li għaddew minnu f'ħajjithom huwa xi ħaġa komuni għat-tfal kollha | Jifhmu li l-ħajja tat-tfal kienet simili u fl-istess ħin differenti fiż-żminijiet ta' qabel | Jifhmu f'liema kundizzjoni kienu jgħixu t-tfal fi żminijiet oħra |
| 1.2 Il-Familja tiegħi | Ikunu jafu l-istorja tal-familja tagħhom | Jifhmu li missierhom u ommhom darba kienu tfal bħalhom u meta kibru ffurmaw familja għalihom | Jifhmu kif fil-ħajja fil-familja fl-antik kien hemm sitwazzjonijiet simili u fl-istess ħin differenti minn dawk tal-lum | Jidentifikaw il-familji tal-passat minn dawk tal-lum minn sorsi viżwali |
| 1.3 Il-Ġugarelli | Jindunaw li ċertu ġugarelli ma kinux jeżistu fil-passat | Jifhmu għala kien hemm dawk it-tip ta' ġugarelli fl-imgħoddi u kif dawn tbiddlu llum | Jifhmu li t-tip ta' ġugarelli li t-tfal kellhom fil-passat qegħdin jinbidlu minħabba l-progress li sar | Permezz ta' sorsi viżwali jifhmu kif il-ġugarelli jiddependu fuq iż-żminijiet differenti |

# PROGRAMM

# L-Ewwel Sena
# L-Ambjent Ġeografiku

## 1.1 It-Temp u l-Klima

| Miri tat-tagħlim | Noti |
|---|---|
| 1.1.1 Is-Sħana u l-Bard | Għerf: Kull lezzjoni trid tinbena fuq is-sensi : mess, smigħ, ħars u fuq ħsejjes vokali.<br>Ħiliet: Ipinġu tpinġija marbuta mat-tema, flimkien ma' movimenti tal-ġisem li jwasslu l-messaġġ; jitkellmu dwar it-tpinġija tagħhom.<br>Riżorsi: Għandhom jintrabtu ma' dawn: il-mużika, id-drama u l-isport. |
| 1.1.2 X'nilbsu minħabba t-temp | Għerf: Waqt ix-xita, fil-kesħa, fis-sħana<br>L-uniformi fix-xitwa u fis-sajf<br>Ħiliet: ara noti 1.1.1<br>Riżorsi: ara noti 1.1.1 |
| 1.1.3 Effetti oħra fuq il-ħajja tagħna ta' kuljum | Fehma: Jisbaħ tard jew kmieni<br>Jidlam tard jew kmieni<br>Nistgħu naslu tard minħabba l-maltemp<br>Ħiliet: ara noti 1.1.1<br>Riżorsi: ara noti 1.1.1 |
| 1.1.4 It-tibdil li jseħħ madwarna minħabba t-temp | Għerf: Is-siġar joħorġu jew iwaqqgħu l-weraq<br>Il-wasla tal-fjuri, l-għasafar, il-friefet<br>L-ilmijiet waqt ix-xita<br>L-ilma fil-widien<br>It-toroq waqt ix-xita: ilma u tajn<br>Ħiliet: ara noti 1.1.1<br>Riżorsi: ara noti 1.1.1 |

## 1.2 Il-Pajsaġġ u l-Proċessi Fiżiċi

| Miri tat-tagħlim | | Noti |
|---|---|---|
| 1.2.1 | Id-dehra tal-pajsaġġ qrib fejn ngħixu: xi għolja, wied u pjanura | Għerf: Jista' jkun li xi ħaġa minn dawn tkun tidher mit-twieqi ta' l-iskola. Agħmel referenza għalihom waqt xi ħarġa. Irid isir enfasi fuq l-ilwien u l-ħsejjes minn sorsi naturali jew riżorsi umani.<br>Ħiliet: It-tpinġija, nitkellmu dwar…, niddeskrivu<br>Riżorsi: Stampi, ritratti u tpinġija, filmati fuq it-TV jew vidjow |
| 1.2.2 | Tibdil fil-pajsaġġ li jsir mat-tibdil tat-temp | Ara 1.1.4 |

## 1.3 L-Użu ta' l-Art u tal-Baħar, Riżorsi u Tibdil

| Miri tat-tagħlim | | Noti |
|---|---|---|
| 1.3.1 | L-isem tal-belt jew raħal tagħna | Ħiliet: Jitgħallmu jagħrfu l-isem u jaqrawh |
| 1.3.2 | Bini kbir fil-belt jew raħal tagħna | Għerf: Jagħrfu l-iskola, il-knisja parrokkjali, iċ-ċentru ċiviku, xi palazz |
| 1.3.3 | Triq ewlenija fil-belt jew raħal tagħna | Għerf: X'jisimha; jitkellmu fuqha |
| 1.3.4 | Tifsira ta' trasport pubbliku u privat | Għerf: Tal-Linja; x'numru hi |
| 1.3.5 | Użu ieħor ta' l-art: ġonna, għelieqi | Fehma: Jitkellmu dwarhom<br>Riżorsi: Forsi jidhru mill-klassi; waqt xi ħarġa; użu ta' ritratti, stampi u tpinġija |

## 1.4 Stili ta' Ħajja u Ħarsien Ambjentali

| Miri tat-tagħlim | | Noti |
|---|---|---|
| 1.4.1 | Attivitajiet tat-tfal tul il-jum:<br>fid-dar<br>fl-iskola<br>fil-ġonna<br>fit-triq<br>fil-kampanja. | Attitudnijiet: L-iskop għandu jkun li nkabbru fit-tfal il-kuxjenza ambjentali. Ikunu fejn ikunu, l-imġiba tat-tfal trid tirrifletti dan.<br>Riżorsi: Kemm jista' jkun, permezz ta' użu varjat ta' riżorsi : mistoqsijiet, diskussjoni, rakkonti, drama, tpinġija, mużika, vidjows, *software* u *Internet* |
| 1.4.2 | Eżempji żgħar ta' kif nistgħu ma naħlux ikel, ilma u karta | Attitudnijiet: Ara noti 1.4.1 Attenzjoni għall-ikel u xorb li t-tfal jikkunsmaw fl-iskola.<br>Ħiliet: Kif nistgħu nużaw il-karti aħjar.<br>'Proġett Skart' u l-programm 'EkoSkola' jgħinu ħafna biex jintlaħqu dawn il-miri. |

# PROGRAMM

# L-Ewwel Sena
# L-Ambjent Soċjali

## 1.1 Jien u l-Oħrajn

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 1.1.1 It-tfal jagħrfu aħjar lilhom infushom | Dawn it-tliet miri ta' tagħlim jgħinu lit-tfal jiżviluppaw is-sens ta' stima pożittiva tagħhom infushom u kunfidenza fihom infushom bħala parti minn grupp. Jistgħu jintrabtu ma' esperjenzi kurrikulari oħra. Ara l-aspetti ta' *Inkun Naf Lili Nnifsi* ('Self-Awareness') u *L-iżvilupp tas-Sens Komunitarju* ('Developing a Sense of Belonging') tat-Tema "L-Istima Tiegħi Nnifsi"fil-programm tal-PSD. Sabiex juru li qegħdin jaħdmu f'din il-mira ta' tagħlim, it-tfal jgħidu isimhom quddiem l-oħrajn, kemm għandhom żmien, liema hi l-klassi tagħhom. Jitkellmu fuq dak li jħobbu, x'jogħġobhom u x'ma jogħġobhomx. |
| 1.1.2 Jagħrfu l-ambjent tal-klassi u ambjenti familjari oħra | Isiru jafu l-ismijiet tat-tfal tal-klassi; jagħmlu osservazzjonijiet fuq dak li jaraw id-dar, fil-klassi, fit-triq. |
| 1.1.3 Juru s-sens ta' grupp | Juru s-sens li huma aċċettati mill-oħrajn bl-imġiba tagħhom u bi kliemhom, l-aktar waqt il-logħob. |

## 1.2 Komunikazzjoni

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 1.2.1 It-tfal juru l-ħila li jirrelataw ma' l-oħrajn | Dawn l-esperjenzi ta' tagħlim għandhom iservu bħala bażi ta' l-iżvilupp tal-ħiliet fil-komunikazzjoni. Komunikazzjoni tajba tfisser relazzjonijiet soċjali b'saħħithom. Jistgħu jintrabtu ma' esperjenzi kurrikulari oħra, bħat-Tema dwar *Il-Komunikazzjoni* fil-PSD. Ara b'mod partikulari l-aspetti li jittrattaw il-ħila li nitkellem quddiem l-oħrajn b'kunfidenza ('Developing Confidence in Speaking'), il-ħila li nisma' u nifhem ('Practising Listening') u l-ħila li nuri l-emozzjonijiet tiegħi ('Disclosing Feelings'*)*. Hawnhekk it-tfal isemmu n-nies li jiltaqgħu magħhom id-dar, fit-triq, fil-klassi, l-iskola. It-tfal jagħmlu osservazzjonijiet ħfief fuq l-imġiba ta' dawn in-nies. |
| 1.2.2 Jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-grupp | Juru sinjali ta' relazzjonijiet verbali u non-verbali bħal tbissim, tixjir ta' l-idejn, jieħdu b'idejn xulxin. |
| 1.2.3 Juru li lesti li jaqsmu oġġetti, stejjer u esperjenzi ma' l-oħrajn | Jisimgħu lil xulxin, jitkellmu bejniethom, jilagħbu flimkien, jaqsmu oġġetti tal-logħob, ikel, stejjer, esperjenzi. |

## 1.2.4 Jien u l-Ambjent

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 1.3.1 It-tfal juru sens ta' osservazzjoni tal-fatturi ewlenin fl-ambjent ta' madwarhom | L-iżvilupp tal-ħila li josservaw u jagħrfu l-ambjent u l-fatturi li jsawruh jgħin lit-tfal japprezzaw l-ambjent u jħossuhom aktar parti minnu. It-tagħrif u l-osservazzjoni ta' l-ambjent huma l-bidu ta' l-edukazzjoni ambjentali. Dawn l-esperjenzi ta' tagħlim jistgħu jintrabtu ma' esperjenzi kurrikulari oħra. F'din il-mira jsiru osservazzjonijiet ħfief ta' l-ambjent fid-dar, fil-klassi, fl-iskola, fit-triq u fil-knisja tal-belt/raħal. |
| 1.3.2 Juru l-ħila li jsemmu u jidentifikaw il-karatteristiċi ambjentali | Jissemmew b'isimhom l-oġġetti, l-imkejjen u n-nies li huma parti mill-ambjent tat-tfal. |
| 1.3.3 Juru ħila fl-espressjoni verbali ta' dak li josservaw | Jesprimu dak li josservaw bi tpinġija, bil-kliem u bil-kitba ta' kliem ħafif. |

# PROGRAMM

# L-Ewwel Sena
# L-Ambjent Storiku

## 1.1 Jien Innifsi

| Miri ta' Tagħlim | | Noti |
|---|---|---|
| 1.1.1 | Ikunu kapaċi jispjegaw minn xiex għaddew minnu f'ħajjithom sa issa u jkunu kapaċi jqiegħdu l-ġrajjiet wara xulxin | It-tfal għandhom jifhmu li ħajjithom bdiet bħala trabi u huma bdew jikbru matul iż-żmien. Huma għandhom ikunu kapaċi jidentifikaw kif ġraw ċertu ġrajjiet f'ħajjithom eż. il-magħmudija, l-ewwel pass tagħhom, jibdew imorru l-iskola, jibdew jiktbu l-ewwel numri u ittri eċċ. |
| 1.1.2 | Jifhmu li dak li għaddew minnu f'ħajjithom huwa xi ħaġa komuni għat-tfal kollha | Jifhmu li dawn l-istadji huma komuni għat-tfal kollha ta' żminijiet differenti u m'humiex influwenzati minn qagħda soċjali jew kulur tal-ġilda. |
| 1.1.3 | Jifhmu li l-ħajja tat-tfal kienet simili u f'istess ħin differenti fiż-żminijiet ta' qabel | Jaraw li, minkejja s-similaritajiet fil-ħajja tat-tfal matul iż-żmien, kien hemm ukoll differenzi eż. tip ta' ikel li kienu jieklu, il-kura li kienu jingħataw, kif kienu jgħaddu l-ħin liberu tagħhom, kumditajiet li għandhom illum li dari ma kinux jeżistu eċċ. |
| 1.1.4 | Jifhmu f'liema kundizzjoni kienu jgħixu t-tfal fi żminijiet oħra | Jifhmu li dari ma kienx hawn il-kumditajiet tal-lum eż. il-logħob fuq il-kompjuter, logħob mekkanizzat, kura speċjalizzata eċċ. |

## 1.2 Il-Familja Tiegħi

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 1.2.1 Ikunu jafu l-istorja tal-familja tagħhom | It-tfal għandhom ikunu jafu l-istadji differenti ta' kif il-familja tagħhom ġiet iffurmata eż. iż-żwieġ ta' missierhom u ommhom, it-twelid ta' l-ulied eċċ. |
| 1.2.2 Jifhmu li missierhom u ommhom darba kienu tfal bħalhom u meta kibru ffurmaw familja għalihom | Ikunu konxji bit-tibdil li jġib miegħu ż-żmien fuq in-nies. |
| 1.2.3 Jifhmu kif fil-ħajja tal-familja fl-antik kien hemm sitwazzjoni simili u fl-istess ħin differenti minn dawk tal-lum | Jifhmu li l-ħajja fil-familja kienet f'ħafna aspetti l-istess fl-antik iżda llum hi influwenzata mit-tibdil kbir li ġab iż-żmien. |
| 1.2.4 Jidentifikaw il-familji tal-passat minn dawk tal-lum minn sorsi viżwali | Ikunu kapaċi jidentifikaw minn ritratti differenti jekk il-familji murija humiex dawk tal-passat jew dawk tal-lum. |

## 1.3 Il-Ġugarelli

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 1.3.1 Jindunaw li ċerti ġugarelli ma kinux jeżistu fil-passat | It-tfal għandhom ikunu konxji li xi tipi ta' ġugarelli, bħal dawk li jaħdmu bil-batteriji, ma kinux jeżistu fl-imgħoddi. |
| 1.3.2 Jifhmu għala kien hemm dawk it-tip ta' ġugarelli fl-imgħoddi u kif dawn tbiddlu llum | Ikunu konxji bit-tibdil li ġab miegħu ż-żmien. Illum ħafna iżjed ġenituri għandhom il-flus biex jixtru ġugarelli li jiswew lit-tfal tagħhom. Bil-progress li sar il-ġugarelli nfushom saru iżjed raffinati. |
| 1.3.3 Jifhmu li t-tip ta' ġugarelli li t-tfal kellhom fil-passat qegħdin jinbidlu minħabba l-progress li sar | Jifhmu kif l-invenzjonijiet tad-dawl u l-batteriji kellhom effett kbir fuq it-tip ta' ġugarelli li saru popolari mat-tfal. Invenzjonijiet ġodda, bħall-kompjuter, wasslu wkoll biex il-logħob fuq il-kompjuter isir iżjed popolari mill-ġugarelli sempliċi. |
| 1.3.4 Permezz ta' sorsi viżwali jifhmu kif il-ġugarelli jiddependu miż-żminijiet differenti | Jinterpretaw dak li jaraw fl-istampi differenti biex jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom dwar jekk il-logħob li qegħdin jaraw kienx tal-passat jew tal-preżent. |

# STUDJI SOĊJALI

# Sillabu Ta' L-Iskejjel Primarji

# IT-TIENI SENA

# MIRI TA' TAGĦLIM

# Fl-Ambjent Ġeografiku
# Għat-Tieni Sena

| 2.1 IT-TEMP U L-KLIMA | 2.2 IL-PAJSAĠĠ U L-PROĊESSI FIŻIĊI | 2.3 L-UŻU TA' L-ART U TAL-BAĦAR, RIŻORSI U TIBDIL | 2.4 STILI TA' ĦAJJA U ĦARSIEN AMBJENTALI |
|---|---|---|---|
| 2.1.1 Il-Bnazzi | 2.2.1 Il-kampanja b'mod ġenerali | 2.3.1 Kategoriji ta' bini fil-belt jew raħal tagħna:<br>Djar privati<br>Bini tal-Gvern<br>Bini tal-Knisja<br>Bini kummerċjali | 2.4.1 Kif jgħixu n-nies fil-belt jew raħal u dawk tal-kampanja |
| 2.1.2 Ir-Riħ | 2.2.2 Elementi speċifiċi tal-kampanja fl-inħawi tal-belt jew raħal tagħna | 2.3.2 It-trasport pubbliku: kif tużah, fejn jista' jwasslek | 2.4.2 Minn fejn jiġi l-ikel bħall-ħalib, il-ħobż, il-ħaxix, il-laħam (Ftit eżempji) |
| 2.1.3 Is-Sħab u x-Xita | | | |
| 2.1.4 Ir-Ragħad u s-Sajjetti | | | |

# MIRI TA' TAGĦLIM

# Fl-Ambjent Soċjali
# Għat-Tieni Sena

| 2.1 JIEN U L-OĦRAJN | 2.2 KOMUNIKAZZJONI | 2.3 JIEN U L-AMBJENT |
|---|---|---|
| 2.1.1 It-tfal jagħrfu u jsemmu l-kwalitajiet pożittivi u l-limitazzjonijiet f'ħajjithom | 2.2.1 Jiżviluppaw il-ħila li jaħdmu fi grupp | 2.3.1 Jagħrfu li l-ambjent hu magħmul minn fatturi naturali, bini u fatturi umani/soċjali |
| 2.1.2 Jibdew isemmu u jifhmu l-vantaġġi ta' meta taħdem ma' l-oħrajn | 2.2.2 Jiżviluppaw sens ta' sigurta` fil-grupp | 2.3.2 Juru għamliet ta' mġiba ta' soċjalizzazzjoni fil-familja, fl-iskola, fil-lokalita` |
| 2.1.3 Josservaw id-differenzi bejnhom u l-oħrajn | 2.2.3 Jibdew jifhmu li jistgħu jikkomunikaw ma' gruppi ta' nies akbar mill-familja u l-iskola | 2.3.3 Jagħrfu aktar l-ambjent uman/soċjali fil-familja, fl-iskola, fil-lokalita`, fil-pajjiż |
| 2.1.4 Jibdew iwessgħu l-għarfien tagħhom ta' l-oħrajn: mill-familja għall-iskola, għal-lokalita`, għal Malta | | |

# MIRI TA' TAGĦLIM

# Fl-Ambjent Storiku Għat-Tieni Sena

| TEMA | IKOLLHOM TAGĦRIF DWAR IL-PASSAT | JIFHMU GĦALA ĠARA HEKK FIL-QEDEM | JIFHMU T-TIBDIL U L-KONTINWITA FL-ISTORJA | L-UŻU TA' SORSI BL-INTERPRETAZZJONI TAGĦHOM U L-IŻVILUPP TA' SENS TA' EMPATIJA |
|---|---|---|---|---|
| 2.1 Il-Lokal fejn noqgħod | Ikollhom tagħrif dwar il-postijiet l-aktar importanti fil-lokal tagħhom | Jifhmu liema postijiet fil-lokal huma qodma u liema huma ġodda | Jifhmu għala xi postijiet fil-lokal baqgħu l-istess u oħrajn tbiddlu | Permezz ta' sorsi viżwali jkunu kapaċi jidentifikaw jekk il-postijiet tal-lokal tbiddlux ħafna jew baqgħu l-istess |
| 2.2 Il-vaganzi tagħna | Ikollhom tagħrif dwar kif it-tfal kienu jgħaddu l-ħin matul il-vaganzi matul iż-żminijiet | Jifhmu għala t-tfal kienu jgħaddu l-ħin liberu tagħhom f'dan il-mod | Jifhmu x'baqa' l-istess u x'inbidel matul iż-żmien | Permezz ta' sorsi viżwali jkunu kapaċi jidentifikaw kemm id-drawwiet tat-tfal tbiddlu jew le matul iż-żmien |
| 2.3 L-Iskejjel | Ikunu jafu kif kienet tingħata l-ewwel tip ta' edukazzjoni b'mod individwali | Jifhmu għala ftit kienet tingħata importanza lill-edukazzjoni fil-passat | Ikunu jafu li, minkejja li l-iskejjel ilhom ħafna jeżistu, mhux dejjem kellhom l-istess forma | Permezz ta' sorsi viżwali jippruvaw jimmaġinaw kif kienet tkun il-ġurnata fl-iskola fil-passat |
| 2.4 L-Ikel | Ikollhom tagħrif dwar x'tip ta' ikel kien popolari dari u llum | Jifhmu għala dak l-ikel kien popolari | Jifhmu kif xi drawwiet ta'l-ikel baqgħu jintużaw matul iż-żmien | |

# PROGRAMM

# It-Tieni Sena
# L-Ambjent Ġeografiku

## 2.1 It-Temp u l-Klima

| Miri tat-tagħlim | Noti |
|---|---|
| 2.1.1 Il-Bnazzi | Attitudnijiet: It-tfal jassoċjaw il-fenomeni tat-temp ma' lwien, ħsejjes, irwejjaħ u esperjenzi ta' ferħ jew dwejjaq. Fil-każ tal-bnazzi x'aktarx ikunu esperjenzi pożittivi li jnisslu ferħ; din hi opportunita` biex niżviluppaw fit-tfal il-kwalitajiet affettivi barra dawk kognittivi.<br>Riżorsi: Ċertament l-arti, id-drama u l-mużika huma *media* importanti biex iwasslu t-tagħlim b'mod kreattiv.<br>Rabta mas-sillabu *"Primay Science" Yr 2 Topic "Weather Watch"* |
| 2.1.2 Ir-Riħ | Attitudnijiet: Ara noti 2.1.1<br>Dan ukoll jgħodd għal dan it-topik iżda fil-każ tar-riħ jista' jagħti lok għall-esperjenzi negattivi, l-aktar ta' biża'. Hawn jinħtieġ inkunu attenti u kawti ħafna, billi fl-iżvilupp ta' dan il-mira u oħrajn f'din it-taqsima, ma nħallux il-fattur tal-biża' bl-ebda mod jiddomina.<br>Rabta mas-sillabu "*Primary Science" Yr 2 Topic "Weather Watch"* |
| 2.1.3 Is-Sħab u x-Xita | Ara noti 2.1.1, 2.1.2<br>Rabta mas-sillabu "*Primary Science" Yr 2 Topic "Weather Watch"* |
| 2.1.4 Ir-Ragħad u s-Sajjetti | Ara noti 2.1.1, 2.1.2<br>Rabta mas-sillabu "*Primary Science" Yr2 Topic "Weather Watch"* |

## 2.2 Il-Pajsaġġ u l-Proċessi Fiżiċi

| Miri tat-tagħlim | Noti |
|---|---|
| 2.2.1 Il-kampanja b'mod ġenerali | Fehma: F'din is-sena jrid isir enfasi fuq it-tibdil naturali li jseħħ fil-kampanja minħabba l-istaġuni, minħabba fenomeni naturali mhux previsti (nixfa, għargħar u oħrajn) u l-id tal-bniedem.<br>Riżorsi: Kollox fuq livell sempliċi permezz ta' l–arti, il-mużika u d-drama, *media* oħra bħal ritratti u vidjows; anki kultant permezz ta' ħarġiet. |
| 2.2.2 Elementi speċifiċi tal-kampanja fl-inħawi tal-belt jew raħal tagħna | Fehma:Ara noti 2.2.1<br>Ħeġġeġ lit-tfal iwasslu xi esperjenzi li ħafna minnhom ikollhom fl-inħawi tal-kampanja qrib darhom .<br>Rabta ma' *"Primary Science" Yr2 Topic "Habitats"* |

## 2.3 L-Użu ta' l-Art u tal-Baħar, Riżorsi u Tibdil

| Miri tat-Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 2.3.1 Kategoriji ta' bini fil-belt jew raħal tagħna:<br>Djar privati<br>Bini tal-Gvern<br>Bini tal-Knisja<br>Bini kummerċjali | Fehma: Jibdew jagħrfu d-differenzi bejn post privat u post pubbliku.<br>Rabta ma' l-aspett storiku ta' dan is-sillabu<br>Rabta ma' l-aspett soċjali ta' dan is-sillabu |
| 2.3.2 It-trasport pubbliku: kif tużah, fejn jista' jwasslek | Għerf: Ftit tagħrif importanti bl-inqas terminoloġija: in-numru, minn fejn tirkeb; kemm tħallas, kif tagħmel biex tinżel, fejn tista' tieqaf; xi postijiet milħuqa mit-trasport pubbliku. |

## 2.4 Stili ta' Ħajja u Ħarsien Ambjentali

| Miri tat-tagħlim | Noti |
|---|---|
| 2.4.1 Kif jgħixu n-nies fil-belt jew raħal u dawk tal-kampanja | Fehma: Ftit punti dwar stili ta' ħajja fl-ibliet u fil-kampanja: id-differenzi biex jixtru, biex imorrru l-iskola jew il-knisja. |
| 2.4.2 Minn fejn jiġi l-ikel bħall-ħalib, il-ħobż, il-ħaxix, il-laħam (Ftit Eżempji) | Attitudnijiet: Trawwim ta' kuxjenza ambjentali u kif wieħed jista' jagħti ftit sehem fil-ħarsien ta' l-ambjent, x'jiġri kieku ħadd ma jagħti kas.<br>Fehma: Il-vantaġġi ta' ikel frisk fuq ikel ippriservat fil-*freezers* jew fil-laned.<br>Rabta ma' *"Food Technology"* |

# PROGRAMM

# It-Tieni Sena
# L-Ambjent Soċjali

## 2.1 Jien u l-Oħrajn

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 2.1.1 It-tfal jagħrfu u jsemmu l-kwalitajiet pożittivi u l-limitazzjonijiet f'ħajjithom | Dawn l-esperjenzi ta' tagħlim għandhom iwasslu lit-tfal biex jifhmu aktar lilhom infushom bħala l-bidu ta' relazzjonijiet ma' l-oħrajn. L-osservazzjonijiet li jagħmlu għandhom jiġu espressi verbalment, bi tpinġija u bil-kitba ta' kelmiet u sentenzi ħfief. Orbot dawn il-miri mat-temi dwar *'L-Istima tiegħi Nnifsi'* ('Self-Esteem') u *'Ir-Relazzjonijiet'* ('Relationships') fil-PSD. Ara l-aktar l-aspetti dwar *'Nifhem 'l-Oħrajn'* ('Understanding Others') u *'Naħdmu Flimkien ma' l-Oħrajn'* ('Cooperating with Others'). F'din il-mira ta' tagħlim it-tfal jagħrfu l-kwalitajiet sbieħ u l-limitazzjonijiet tagħhom u ta' l-oħrajn; Jaċċettaw l-iżbalji tagħhom u ta' l-oħrajn; u juru imġibiet biex ifissru li jridu jnaqqsu dawn il-limitazzjonijiet. |
| 2.1.2 Jibdew isemmu u jifhmu l-vantaġġi ta' meta taħdem ma' l-oħrajn | Juru li lesti jilagħbu u jaħdmu ma' l-oħrajn; isemmu wħud mill-vantaġġi li jaraw meta jaħdmu ma' l-oħrajn. |
| 2.1.3 Josservaw id-differenzi bejnhom u l-oħrajn | Isemmu d-differenzi li jaraw id-dar, fil-klassi u l-iskola, fil-belt/raħal fejn joqogħdu; juru li qegħdin jifhmu li d-differenzi ma jfissrux firda fil-mod kif jitkellmu u jpinġu. |
| 2.1.4 Jibdew iwessgħu l-għarfien tagħhom ta' l-oħrajn: mill-familja għall-iskola, għal-lokalita', għal Malta | Minn stampi, stejjer u aħbarijiet fil-media jibdew jifhmu li l-familja tal-bnedmin hija ferm akbar mill-familja tagħhom, jiġifieri huma għandhom ukoll il-familja tan-nies tal-lokalita` u tal-pajjiż |

## 2.2 Komunikazzjoni

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 2.2.1 Jiżviluppaw il-ħila li jaħdmu fi grupp | L-ewwel ideat tal-ħajja fis-soċjeta' jiġu mill-idea li t-tfal ikollhom tal-ħajja fil-gruppi immedjati tagħhom u ta' l-attivitijiet diversi f'dawn il-gruppi. Hawnhekk jibda jiżviluppa s-sens soċjali, ir-regoli ta' mġiba soċjali u l-kunfidenza li taħdem fi grupp. Dawn l-esperjenzi ta' tagħlim jistgħu jintrabtu ma' esperjenzi oħra kurrikulari li nsibu fil- PSD: *Niżviluppaw is-Sens Komunitarju* ('Developing a Sense of Belonging'), *Il-Komunikazzjoni* – sens ta' kunfidenza meta nitkellem, nisma' u nesprimi l-emozzjonijiet tiegħi, *Ir-Relazzjonijiet* – nifhem 'l-Oħrajn, naħdem ma' l-Oħrajn. Sabiex juru li qegħdin jaħdmu madwar din il-mira, it-tfal għandhom jidentifikaw tfal oħra fil-klassi u fit-triq tagħhom li magħhom jistgħu jiffurmaw grupp. Jitkellmu fuq il-grupp; jipproduċu tpinġijiet u sentenzi ħfief fuq il-grupp tagħhom, kif ukoll l-attivitajiet tagħhom fil-grupp. |
| 2.2.2 Jiżviluppaw sens ta' sigurta' fil-grupp | Jiżviluppaw il-ħila li jisimgħu u jifhmu 'l-oħrajn, li jitkellmu fil-grupp, iċedu meta jitilfu waqt il-logħob fil-grupp; jirrakkontaw fil-grupp esperjenzi tagħhom fil-familja u fil-klassi, jgħidu stejjer, u juru li huma lesti li jgħinu l-grupp. |
| 2.2.3 Jibdew jifhmu li jistgħu jikkomunikaw ma' gruppi ta' nies akbar mill-familja u mill-iskola | Jistgħu jagħmlu osservazzjonijiet ħfief dwar kif qegħdin jiltaqgħu ma' nies lil hinn mill-familja tagħhom minn stampi, stejjer u dak li jaraw fuq it-televiżjoni, |

## 2.3 Jien u l-Ambjent

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 2.3.1 It-tfal jagħrfu li l-ambjent hu magħmul minn fatturi naturali, bini u fatturi umani/soċjali | Ngħinu lit-tfal ikollhom idea ħolistika ta' xi jfisser l-ambjent. Jibdew jifhmu u japprezzaw li hemm relazzjoni bejnhom u bejn l-ambjent, u jkompli jiżviluppa l-proċess ta' soċjalizzazzjoni fl-ambjent ta' madwarhom. Dawn l-esperjenzi u attitudnijiet fl-Istudji Soċjali jistgħu jintrabtu ma' esperjenzi kurrikulari oħra fil-PSD. Ara t-temi: *Il-Komunikazzjoni* u *Ir-Relazzjonijiet.* Hawnhekk isemmu l-fatturi jew il-karatteristiċi differenti ta' l-ambjent: is-siġar, il-baħar, il-kampanja, it-triq, l-iskola, il-knisja, il-membri tal-familja, sħabhom fil-klassi u nies li jaħdmu l-iskola. Jiddeskrivu bil-kliem, tpinġija, kitba ta' kelmiet u b'sentenzi qosra ix-xogħol u l-imġiba tan-nies li jaraw fl-ambjent tagħhom (familjari, ħbieb, għalliema, qassis, tabib, pulizija, . . . ). |
| 2.3.2 Juru mġiba ta' soċjalizzazzjoni fil-familja, fl-iskola, fil-lokalita' | Jidħlu f'interazzjoni verbali u non-verbali billi jitkellmu, jipparteċipaw f'attivitajiet, jisimgħu lil xulxin; juru li qegħdin jitgħallmu r-regoli ta' mġiba fil-mod kif iġibu ruħhom ma' l-oħrajn. |
| 2.3.3 Jagħrfu aktar l-ambjent uman/soċjali fil-familja, fl-iskola, fil-lokalita', fil-pajjiż | Isemmu xi relazzjonijiet soċjali fil-familja, fil-belt/raħal fejn joqogħdu u fil-pajjiż, eż. huma u ħuthom, l-attivitajiet fi gruppi ta' sports, laqgħat ma' nies oħra fil-knisja, sehem ma' oħrajn fil-festi u attivitajiet marbuta ma' twemmin reliġjuż |

# PROGRAMM

# It-Tieni Sena
# L-Ambjent Storiku

## 2.1 Il-Lokal Fejn Noqgħod

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 2.1.1 Ikollhom tagħrif dwar il-postijiet l-aktar importanti fil-lokal tagħhom | It-tfal għandhom ikunu konxji dwar il-postijiet l-aktar importanti fir-raħal jew belt fejn jgħixu eż. il-pjazza prinċipali, l-aktar toroq importanti, il-post fejn jiltaqa' l-Kunsill Lokali, il-knejjes l-aktar importanti, eċċ. |
| 2.1.2 Jifhmu liema postijiet fil-lokal huma qodma u liema huma ġodda | Jifhmu kif żviluppa r-raħal tagħhom billi jinnutaw liema kienu l-postijiet fir-raħal li kienu hemm fl-antik u liema nbnew wara. B'hekk huma jkunu jistgħu jifhmu aħjar fejn hija l-qalba antika tar-raħal. |
| 2.1.3 Jifhmu għala xi postijiet fil-lokal baqgħu l-istess u oħrajn tbiddlu | Isiru konxji għala xi partijiet tal-lokal tagħhom baqgħu l-istess u għala oħrajn inbidlu permezz ta' eżempji prattiċi. |
| 2.1.4 Permezz ta' sorsi viżwali jkunu kapaċi jidentifikaw jekk il-postijiet tal-lokal tbiddlux ħafna jew baqgħu l-istess | Bl-użu ta' stampi ta' diversi partijiet tar-raħal, huma għandhom jinnutaw fejn kien hemm ftit tibdil u fejn saru ħafna tibdiliet. Ikun tajjeb li huma jinħarġu dawra edukattiva fil-lokal fejn jgħixu biex huma jieħdu esperjenza aktar tanġibli fuq il-post ta' dak li jkunu qegħdin jitgħallmu**.** |

## 2.2 Il-Vaganzi Tagħna

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 2.2.1 Ikollhom tagħrif dwar kif it-tfal kienu jgħaddu l-ħin matul il-vaganzi matul iż-żminijiet | It-tfal għandhom ikunu konxji li fiż-żminijiet antiki t-tfal kellhom mezzi oħra kif kienu jilagħbu u jgħaddu l-ħin billi l-invenzjonijiet tal-lum bħal kompjuter, televiżjoni u DVDs kienu għadhom ma jafux bihom. Fost il-logħob l-aktar popolari mat-tfal kien hemm il-logħob biż-żibeġ u bil-boċċi, il-passju, il-logħba ta' mistoħbija, it-tlielaq, eċċ. |
| 2.2.2 Jifhmu għala t-tfal kienu jgħaddu l-ħin liberu tagħhom f'dan il-mod | Jifhmu kif il-bniedem kien għadu ma għamilx il-progress li għamel illum u kif dan kien logħob li ma kienx jinvolvi spejjeż f'dawk iż-żminijiet meta kien għad hawn ħafna faqar. |
| 2.2.3 Jifhmu x'baqa' l-istess u x'inbidel matul iż-żmien | Ikunu kapaċi jidentifikaw liema logħob li għandna llum kien u seta' jintlagħab fl-antik. |
| 2.2.4 Permezz ta' sorsi viżwali jkunu kapaċi jidentifikaw kemm id-drawwiet tat-tfal tbiddlu jew le matul iż-żmien | Ikunu kapaċi jagħżlu l-logħob li kien jintlagħab fl-antik b'użu ta' l-istampi; jikkummentaw dwar il-bidliet kbar li saru fid-drawwiet ta' kif jilagħbu llum. |

## 2.3 L-Iskejjel

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 2.3.1 Ikunu jafu kif kienet tingħata l-ewwel tip ta' edukazzjoni b'mod individwali | It-tfal għandhom ikunu jafu li mhux minn dejjem kien hemm skejjel li fihom it-tfal kienu jistgħu jmorru jitgħallmu. Fil-bidu t-tagħlim kien jingħata fuq bażi individwali u għalhekk mhux kulħadd kellu aċċess għalih. Kienu biss it-tfal tal-familji sinjuri u dawk li kienu jistudjaw biex isiru qassisin li kienu jieħdu xi forma ta' tagħlim. |
| 2.3.2 Jifhmu għala ftit kienet tingħata importanza lill-edukazzjoni fil-passat | Jifhmu li dari ftit li xejn kien hawn servizzi u x-xogħol kien ibbażat fuq ix-xogħol tal-biedja, snajja', eċċ. Għalhekk is-subien kienu jkunu meħtieġa minn eta' żgħira biex jgħinu lil missierhom fix-xogħol tiegħu. In-nisa ma kinux jaħdmu ħlief fid-dar u għalhekk ma kinux joħolmu li jagħtu xi tagħlim lill-bniet. |
| 2.3.3 Ikunu jafu li, minkejja li l-iskejjel ilhom ħafna jeżistu, mhux dejjem kellhom l-istess forma | Jifhmu wkoll li anki wara li bdew l-iskejjel dawn ma kinux joffru s-servizzi u s-suġġetti li nitgħallmu llum; isiru jafu li kellu jgħaddi ħafna żmien qabel ma l-iskola saret ta' bilfors għal kulħadd. |
| 2.3.4 Permezz ta' sorsi viżwali jippruvaw jimmaġinaw kif kienet tkun il-ġurnata fl-iskola fil-passat | Josservaw kif kien isir it-tagħlim fil-passat minn xi stampi; jippruvaw jaraw id-differenzi miż-żminijiet tal-lum; u jippruvaw jimmaġinaw kif kienet il-ġurnata ta' l-iskola fil-passat. |

## 2.4 L-Ikel

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 2.4.1 Ikollhom tagħrif dwar x'tip ta' ikel kien popolari dari u illum | It-tfal għandhom ikollhom tagħrif dwar x'tip ta' ikel kien popolari dari u liema ikel kien ikkunsidrat bħala ikel speċjali. L-ikel ta' kuljum kien jinvolvi l-minestra, il-ħaxix u l-kawlata. Il-laħam ftit li xejn kienu jistgħu jixtruh billi kellu prezz għoli għalihom. |
| 2.4.2 Jifhmu għala dak l-ikel kien popolari | Jifhmu li kienu jieklu ħafna l-ħxejjex għax dawn kienu jkabbruhom fl-għelieqi u għalhekk kienu jipprovdu platt sħun u rħis f'dawk iż-żminijiet meta kien għad baqa' ħafna għaks. |
| 2.4.3 Jifhmu kif xi drawwiet ta' l-ikel baqgħu jintużaw matul iż-żmien | Jinnutaw li l-ikel ta' dari ma spiċċax għal kollox iżda llum dan ġie varjat ħafna u jinkludi ħafna affarijiet oħra li n-nies ma kinux jistgħu jixtru fiż-żminijiet antiki. |

# STUDJI SOĊJALI

# Sillabu Ta' L-Iskejjel Primarji

# IT-TIELET SENA

# MIRI TA' TAGĦLIM

# Fl-Ambjent Ġeografiku
# Għat-Tielet Sena

| 3.1 IT-TEMP U L-KLIMA | 3.2 IL-PAJSAĠĠ U L-PROĊESSI FIŻIĊI | 3.3 L-UŻU TA' L-ART U TAL-BAĦAR, RIŻORSI U TIBDIL | 3.4 STILI TA' ĦAJJA U ĦARSIEN AMBJENTALI |
|---|---|---|---|
| 3.1.1 L-istaġuni f'Malta | 3.2.1 Tipi ta' għoljiet f' Malta jew Għawdex : il-forma tagħhom, it-tip ta' veġetazzjoni fuqhom; Eżempji ta' fawna li jgħixu fuqhom | 3.3.1 Qabbel il-belt jew raħal tiegħek ma' xi belt jew raħal fil-qrib: f'dawk li huma daqs relattiv tal-popolazzjoni, bini pubbliku jew importanti ħafna | 3.4.1 Ftit eżempji dwar kif it-tfal jistgħu jibżgħu għall-ilma: nibdew mid-dar; inkomplu fl-iskola |
| 3.1.2 Eżempji ta' staġuni differenti minn ta' Malta | 3.2.2 Xi tipi ta' widien f' Malta jew Għawdex u meta jgħaddi l-ilma minnhom; fejn jispiċċa dan l-ilma | 3.3.2 Eżempji ta' servizzi f'raħal jew belt; Inqabblu r-raħal jew belt tagħna ma' ieħor jew oħra | 3.4.2 Eżempji kif it-tfal jistgħu ma jaħlux dawl elettriku: nibdew mid-dar; inkomplu l-iskola |
| 3.1.3 Nagħżlu l-aħjar klima: bil-fatturi li huma s-sħana, il-kesħa, ix-xita, il-borra, in-nixfa | 3.2.3 Eżempji ta' flora u fawna li jgħixu fil-widien Maltin jew Għawdxin | | 3.4.3 Eżempji ta' x'jistgħu jagħmlu l-awtoritajiet biex niffrankaw l-ilma u d-dawl |
| | 3.2.4 Il-pjanura jew wita : xi eżempju u għaliex hawn insibu l-aħjar art: il-vantaġġi | | |

# MIRI TA' TAGĦLIM

# Fl-Ambjent Soċjali
# Għat-Tielet Sena

| 3.1 JIEN U L-OĦRAJN | 3.2 KOMUNIKAZZJONI | 3.3 JIEN U L-AMBJENT |
|---|---|---|
| 3.1.1 It-tfal jiżviluppaw u jsaħħu r-relazzjoni fil-grupp | 3.2.1 It-tfal jagħrfu u jifhmu l-komunikazzjoni bħala sistema ta' relazzjonijiet | 3.3.1 It-tfal jagħrfu l-ambjenti ta' kenn għall-bniedem |
| 3.1.2 Jibdew l-għarfien tal-lokalita` fejn joqogħdu | 3.2.2 Jibdew jikkomunikaw ma' l-ambjent | 3.3.2 Juru apprezzament u rispett lejn l-annimali fid-djar tagħna |
| 3.1.3 Jagħrfu u jifhmu li n-nies fil-lokalita` tagħhom huma parti minn pajjiżhom | 3.2.3 Jagħrfu xi aspetti soċjali ta' l-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika, eż. il-kompjuter, l-email | 3.3.3 Jimxu ma' regoli ta' saħħa u sigurta` fid-dar |
| | | 3.3.4 Jiżviluppaw is-sens ta' dritt u dmir bħala membri ta' familja u ċittadini fil-lokalita` u f'pajjiżhom |

# MIRI TA' TAGĦLIM

# Fl-Ambjent Storiku
# Għat-Tielet Sena

| TEMA | IKOLLHOM TAGĦRIF DWAR IL-PASSAT | JIFHMU GĦALA ĠARA HEKK FIL-QEDEM | JIFHMU T-TIBDIL U L-KONTINWITA' FL-ISTORJA | L-UŻU TA' SORSI BL-INTERPRETAZZJONI TAGĦHOM U L-IŻVILUPP TA' SENS TA' EMPATIJA |
|---|---|---|---|---|
| 3.1 It-Trasport | Ikollhom tagħrif dwar it-tipi ta’ trasport dari u llum | Jifhmu għala l-bniedem kellu jinqeda b'dan it-tip ta' trasport | Jifhmu l-progress li sar fit-tipi ta' trasport | Jidentifikaw kemm tbiddel it-trasport u kif dan sar iżjed komdu u veloċi |
| 3.2 Il-Ħwejjeġ | Ikollhom tagħrif dwar x'tip ta' ħwejjeġ kien jilbes il-bniedem matul iż-żminijiet | Jifhmu għala kien hemm tibdil fil-mod kif jilbsu n-nies | Jifhmu għala xi ħwejjeġ baqgħu l-istess u oħrajn tbiddlu | Ikunu kapaċi jidentifikaw mill-ħwejjeġ xeni mill-antik u xeni moderni |
| 3.3 Id-Djar | Ikollhom tagħrif dwar l-iżvilupp tad-djar matul iż-żminijiet | Jifhmu għala l-bniedem biddel it-tip tad-djar li kien jgħix fihom | Jifhmu kif f'pajjiżi differenti baqgħu jintużaw xi tipi ta' djar filwaqt li oħrajn tbiddlu | Jidentifikaw id-djar f'pajjiżi differenti u jimmaġinaw kif tista' tkun il-ħajja fihom |
| 3.4 Il-Ħwienet | Ikollhom tagħrif dwar x'tip ta' ħwienet kien hemm dari | Jifhmu għala dawn it-tipi ta' ħwienet tbiddlu matul iż-żminijiet | Iqabblu u jikkontrastaw it-tip ta' ħwienet li kien hemm dari ma' dawk tal-lum | Jidentifikaw kemm tbiddlu l-ħwienet minn sorsi viżwali |

# PROGRAMM

# It-Tielet Sena
# L-Ambjent Ġeografiku

## 3.1 It-Temp u l-Klima

| Miri tat-tagħlim | Noti |
|---|---|
| 3.1.1 L-istaġuni f'Malta | Fit-tagħlim dwar l-ambjent ġeografiku huwa essenzjali li t-tfal jitgħallmu dwar iċ-ċikli li bażikament jinvolvu n-natura kollha. |
| 3.1.2 Eżempji ta' staġuni differenti minn ta' Malta | Jibdew jitgħallmu li hawn pajjiżi li għandhom klima ferm differenti minn ta' Malta; ftit eżempji u dettalji żgħar. |
| 3.1.3 Nagħżlu l-aħjar klima: bil-fatturi li huma s-sħana, il-kesħa, ix-xita, il-borra, in-nixfa | Għandu jsir tagħlim fuq ambjenti ideali għall-bniedem. Esperjenzi pożittivi għandhom jissemmew u jkunu diskussi u marbuta ma' attivitajiet kreattivi. |

## 3.2 Il-Pajsaġġ u l-Proċessi Fiżiċi

| Miri tat-tagħlim | Noti |
|---|---|
| 3.2.1 Tipi ta' għoljiet f' Malta jew Għawdex : il-forom tagħhom, it-tip ta' veġetazzjoni fuqhom. Eżempji ta' fawna li jgħixu fuqhom | Fehma: L-għalliema jistgħu jorbtu din il-mira ma' dik ta' qabel. Bit-tibdil ta' l-istaġuni jinbidel il-pajsaġġ, l-aktar l-ilwien tal-veġetazzjoni jew in-nuqqas tagħha.<br>Nintroduċu ftit ftit il-kunċett ta' *habitat* fejn kull speċi hi marbuta ma' l-oħra. Għalhekk intuhom ukoll eżempji ta' fawna fejn ninkludu ftit eżempji ta' insetti, għasafar, rettili u mammiferi.<br>Riżorsi: Ngħinu lit-tfal josservaw sewwa permezz ta' stampi, ritratti, vidjows, tpinġija, eċċ. |
| 3.2.2 Xi tipi ta' widien f' Malta jew Għawdex u meta jgħaddi l-ilma minnhom; fejn jispiċċa dan l-ilma. | Fehma: Nintroduċu ħabitat ieħor, li tiegħu diġa` jkollhom xi esperjenzi; nibnu fuq dawk l-esperjenzi.<br>Riżorsi: Nuru tajjeb permezz tar-riżorsi – ara 3.2.1<br>Kunċett differenti f'din il-mira huwa dwar il-ġirja naturali ta' l-ilma: nagħmluha forma ta' rakkont u naraw qatra ilma ġol-wied fejn tista' tispiċċa. |
| 3.2.3 Eżempji ta' flora u fawna li jgħixu fil-widien Maltin jew Għawdxin | |
| 3.2.4 Il-pjanura jew wita : xi eżempji u għaliex hawn insibu l-aħjar art: il-vantaġġi | Fehma: Jibdew jaħsbu dwar għaliex bosta nies jibnu d-dar tagħhom fil-pjanura u għaliex anki l-aħjar ħamrija hija hemm. (Xejn dettalji żejda iżda eżempji sempliċi.) |

## 3.3 L-Użu ta' l-Art u tal-Baħar, Riżorsi u Tibdil

| Miri tat-tagħlim | Noti |
|---|---|
| 3.3.1 Qabbel il-belt jew raħal tiegħek ma' xi belt jew raħal fil-qrib: f'dawk li huma daqs relattiv tal-popolazzjoni, bini pubbliku jew importanti ħafna | Fehma: F'din l-eta`, it-tfal jibdew ftit jew wisq iqabblu ħaġa ma' oħra. Tajjeb li ngħinuhom jirriflettu aktar u jfittxu raġunijiet għaliex xi rħula jew bliet jistgħu jkunu ħafna akbar minn irħula jew bliet oħra. Jitgħallmu wkoll josservaw aktar dwar l-użu ta' ċerti binjiet. |
| 3.3.2 Xi eżempji ta' servizzi f'raħal jew belt<br>Inqabblu r-raħal jew il-belt tagħna ma' ieħor jew oħra | Fehma: Il-kunċetti ta' servizzi marbuta ħafna mat-topik ta' qabel; ġeneralment, akbar ma jkun is-servizz akbar ikun il-bini li joffri dak is-servizz.<br>X'inhu servizz, għaliex jingħata u għaliex huwa meħtieġ. |

## 3.4 Stili ta' Ħajja u Ħarsien Ambjentali

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 3.4.1 Ftit eżempji dwar kif it-tfal jistgħu jibżgħu għall-ilma: nibdew mid-dar; inkomplu fl-iskola | Attitudnijiet: Fil-formazzjoni tagħhom it-tfal jinħtieġ jiżviluppaw stili ta' ħajja marbutin tajjeb ma' valuri ambjentali. Nibnu fuq il-kunċett li fil-Gżejjer Maltin, aktar minn xi pajjiżi oħra, ninħtieġu li nibżgħu ħafna għall-ilma.<br>Riżorsi: Ftit eżempji x'nistgħu nagħmlu aħna stess fil-klassi u fid-dar; attivitajiet kreattivi biex ifakkruna f'dan. |
| 3.4.2 Eżempji kif it-tfal jistgħu jibżgħu għad-dawl elettriku. Nibdew mid-dar; inkomplu fl-iskola | Attitudnijiet: Ara 3.4.1 li japplika wkoll għal dan is-sors ta' enerġija. Biss hawn tidħol aktar il-kwistjoni tal-periklu. Nuru lit-tfal mill-ewwel li l-elettriku huwa forza qawwija bżonnjuża imma perikoluża ħafna. |
| 3.4.3 Eżempji ta' x'jistgħu jagħmlu l-awtoritajiet biex niffrankaw l-ilma u d-dawl | Fehma: Ngħallmu lit-tfal dwar is-sehem ta' l-awtoritajiet dwar dawn is-sorsi vitali.<br>Riżorsi: L-eżempji għandhom ikunu kemm jista' jkun imressqa b' deskrizzjoni ħafifa. |

# PROGRAMM

# It-Tielet Sena
# L-Ambjent Soċjali

## 3.1 Jien u l-Oħrajn

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 3.1.1 It-tfal jiżviluppaw u jsaħħu r-relazzjoni fil-grupp | Aktar ma nipprovdu esperjenzi ta' ħajja u attivita` fil-grupp aktar inkunu qegħdin ngħinu t-tfal jiżviluppaw il-ħila ta' relazzjonijiet soċjali. L-esperjenzi ta' tagħlim fil-grupp huma marbuta ma' esperjenzi kurrikulari simili li nsibu fit-temi dwar *Il-Komunikazzjoni: Inkun kunfidenti meta nitkellem, nisma' u nesprimi l-emozzjonijiet tiegħi; Ir-Relazzjonijiet: Nifhem 'l-Oħrajn, Naħdem ma' l-Oħrajn, Naħdmu biex insewwu l-konflitti,* fil-PSD. F'din il-mira ta' tagħlim it-tfal jesprimu ruħhom fuq ħajjithom u fuq dawk ta' madwarhom billi jitkellmu, ipinġu u jiktbu sentenzi ħfief. Juru mġiba pożittiva favur il-grupp. Jitkellmu u jiktbu lista ta' dak li jistgħu jagħmlu bħala grupp. Jitkellmu dwar id-differenzi fil-grupp u jirreġistraw dak li jgħidu bil-kitba. B'hekk jagħrfu u jifhmu li jistgħu jaħdmu bħala grupp minkejja d-differenzi. |
| 3.1.2 Jibdew isaħħu l-għarfien tal-lokalita` fejn joqogħdu | Jitkellmu fuq il-belt/raħal tagħhom; isibu stampi u ritratti; jiktbu xi kelmiet u sentenzi ħfief biex jiddeskrivu l-lokalita` tagħhom |
| 3.1.3 Jagħrfu u jifhmu li n-nies fil-lokalita` tagħhom huma parti minn pajjiżhom | Jagħtu eżempji ta' gruppi u għaqdiet fil-lokalita` tagħhom. Isemmu xi eżempji ta' kif dawn jiltaqgħu ma' gruppi barra mil-lokalita` tagħhom eż. klabbs sportivi li jikkompetu ma' timijiet barra minn Malta u laqgħat li jsiru barra minn Malta. |

## 3.2 Komunikazzjoni

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 3.2.1 Jagħrfu u jifhmu l-komunikazzjoni bħala sistema ta' relazzjonijiet | L-esperjenzi varji ta' komunikazzjoni ma' l-ambjent naturali, tal-bini u soċjali jagħtu lil min ikun qiegħed jitgħallem l-għodda meħtieġa biex bħala ċittadini jikkomunikaw ma' nies oħra fis-soċjeta`. Ara wkoll it-temi dwar *Il-Komunikazzjoni* u *Ir-Relazzjonijiet* fil-PSD. F'din il-mira ta' tagħlim it-tfal jitkellmu, ipinġu u jiktbu kliem u sentenzi qosra li juru kif qegħdin jirrelataw fil-familja, ma' sħabhom u l-iskola. Huma jitkellmu bejniethom, jisimgħu lil xulxin, jgħinu fil-familja u fil-klassi; ipinġu u jiktbu messaġġi fil-ġranet speċjali tas-sena eż Jum l-Omm, Jum il-Missier, Jum it-Tfal fid-Dinja, Jum il-Paċi, Jum l-Ambjent u Jum l-Ewropa |
| 3.2.2 Jibdew jikkomunikaw ma' l-ambjent | Iżommu l-indafa fejn ikunu u juru komunikazzjoni tajba man-nies; isiru jafu aktar dwar il-belt jew raħal tagħhom; japprezzaw il-valur storiku ta' bini importanti billi juru interess fl-istorja tiegħu u jitkellmu dwar kif jista' jiġi protett aħjar ; jistaqsu fuq ir-relazzjoni tagħhom ma' bini bħal dan u jiktbu sentenzi fuq dak li jsibu. Individwalment u fi grupp jiltaqgħu ma' nies li jaħdmu f'dan il-bini (eż. is-sindku, kunsilliera, pulizija, il-kappillan, xi mexxejja ta' komunitajiet reliġjużi fil-lokalita` tagħhom, nies li jaħdmu fis-servizzi soċjali); jiddeskrivu verbalment, bi tpinġija/stampi u bil-kitba ta' sentenzi il-mod ta' komunikazzjoni ma' dawn in-nies. |
| 3.2.3 Jagħrfu xi aspetti soċjali ta' l-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika, eż. il-kompjuter, l-email | Jużaw l-email biex jibagħtu messaġġi ta' ħbiberija; jużaw l-Internet biex ifittxu tagħrif marbut mas-Sillabu, (eż. ir-raħal/belt tagħhom, il-Kunsill Lokali, l-iskola) ; jiktbu sentenzi dwar l-użu tal-kompjuter u l-email. |

## 3.5 Jien u l-Ambjent

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 3.3.1 Jagħrfu l-ambjenti ta' kenn għall-bniedem | L-esperjenzi ta' tagħlim f'dawn il-miri jkomplu jsaħħu f'min qiegħed jitgħallem it-tagħrif ta' kunċetti u ħiliet li jmorru ma' l-edukazzjoni ambjentali fis-sens sħiħ tagħha. Ara wkoll it-tema dwar *Ir-Relazzjonijiet* fil-PSD biex temfasizza l-aspett uman u soċjali ta' l-ambjent. Hawnhekk it-tfal huma mħajrin jitkellmu, ipinġu u jiktbu sentenzi fuq għerien, xeltrijiet, siġar kbar, tined, djar bħala postijiet ta' kenn għall-bnedmin u l-annimali. |
| 3.3.2 Juru apprezzament u rispett lejn l-annimali fid-djar tagħna | Juru l-annimali bħala parti mill-ambjent tad-dar fil-mod kif jitkellmu, ipinġu u jiktbu. |
| 3.3.3 Jimxu ma' regoli ta' saħħa u sigurta` fid-dar | Isemmu modi differenti kif jistgħu jevitaw il-perikli fid-dar eż. ma jilagħbux mad-dawl elettriku, ma jixxabbtux minn galleriji, eċċ. |
| 3.3.4 Jiżviluppaw is-sens ta' dritt u dmir bħala membri ta' familja u ċittadini tal-lokalita`tagħhom u ta' pajjiżhom | Jitkellmu u jiktbu dwar: ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-membri tal-familja, tat-tfal u l-għalliema fil-klassi, ta' dawk li jaħdmu fl-iskola ; kif ukoll dwar x'jistgħu jagħmlu huma bħala residenti ta' lokalita` u ċittadini ta' pajjiżhom |

# PROGRAMM

# It-Tielet Sena
# L-Ambjent Storiku

## 3.1 It-Trasport

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 3.1.1 Ikollhom tagħrif dwar it-tipi ta' trasport dari u llum | It-tfal għandhom ikollhom tagħrif ta' kif it-trasport kien isir fl-imgħoddi eż. iż-żiemel u l-karettun, il-karozzin, xi dgħajsa żgħira biex jivvjaġġaw fuq il-baħar, eċċ. |
| 3.1.2 Jifhmu għala l-bniedem kellu jinqeda b'dan it-tip ta' trasport | Jifhmu li dawn il-mezzi ta' trasport kienu l-uniċi mezzi li kellu l-bniedem dak iż-żmien. Kien biss wara li sar progress fil-ħajja tal-bniedem li saru l-invenzjonijiet li kellhom ikunu ta' għajnuna kbira għal min irid jivvjaġġa. |
| 3.1.3 Jifhmu l-progress li sar fit-tipi ta' trasport | Jqabblu l-mezzi ta' trasport ta' l-antik ma' dawk tal-lum. Huma għandhom jifhmu li l-mezzi ta' trasport tal-lum huma aktar komdi u veloċi minn dawk ta' dari eż. l-ajruplan, il-vapur, it-tren jew ferrovija, eċċ. |
| 3.1.4 B'użu ta' sorsi viżwali jidentifikaw kemm tbiddel it-trasport u kif dan sar iżjed komdu u veloċi | Jidentifikaw kemm tbiddel it-trasport matul iż-żmien u l-kundizzjonijiet li magħhom kien ikollu jħabbat wiċċu l-bniedem matul il-vjaġġ permezz ta' stampi u ritratti. |

## 3.2 Il-Ħwejjeġ

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 3.2.1 Ikollhom tagħrif dwar x'tip ta' ħwejjeġ kien jilbes il-bniedem matul iż-żminijiet | It-tfal għandhom ikunu jafu x'tip ta' ħwejjeġ kien jilbes il-bniedem fl-antik eż. l-għonnella, is-sidrija, il-qalziet qasir għas-subien, l-użu tal-velu fil-knejjes, eċċ. |
| 3.2.2 Jifhmu għala kien hemm tibdil fil-mod kif jilbsu n-nies | Jifhmu kif il-progress u iżjed ġid ġabu bidla fil-mod kif jilbsu n-nies. Dawn bdew ikollhom iżjed tibdiliet ta' ħwejjeġ, bdew jixtru ħwejjeġ iżjed tal-moda u spiċċaw drawwiet tradizzjonali antiki bħal ma kienet l-għonnella. |
| 3.2.3 Jifhmu għala xi ħwejjeġ baqgħu l-istess u oħrajn tbiddlu | Jinnutaw kif, minkejja li xi lbies baqa' l-istess matul iż-żminijiet, kien hemm xi tibdil fl-użanzi eż. l-użu tal-qalziet min-nisa. |
| 3.2.4 Permezz ta' sorsi viżwali jkunu kapaċi jidentifikaw mill-ħwejjeġ xeni mill-antik u xeni moderni | Jidentifikaw mill-ħwejjeġ li n-nies ikunu lebsin jekk ix-xeni murija humiex mill-antik jew taż-żmien tal-lum permezz ta' stampi jew ritratti . |

## 3.3 Id-Djar

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 3.3.1 Ikollhom tagħrif dwar l-iżvilupp tad-djar matul iż-żminijiet | It-tfal għandhom ikunu jafu li d-djar fejn jgħixu n-nies mhux minn dejjem kienu hekk. Huma għandhom jinnutaw l-iżvilupp tal-post fejn joqogħdu n-nies eż. għar, għarix mibni biz-zkuk, xi kamra mibnija bl-injam, djar tal-ġebel mhux raffinat, djar b'sular wieħed u d-djar tal-lum. |
| 3.3.2 Jifhmu għala l-bniedem biddel it-tip tad-djar li kien jgħix fihom | Jifhmu kif il-bniedem biddel il-mod kif kien jibni l-post fejn joqgħod biex beda jibni djar iżjed b'saħħithom u komdi. Dan seta' jsir biss bil-progress li sar fil-makkinarju li jintuża għall-bini u bl-iżvilupp ta' l-industrija tal-kostruzzjoni. |
| 3.3.3 Jifhmu kif f'pajjiżi differenti baqgħu jintużaw xi tipi ta' djar filwaqt li oħrajn tbiddlu | Jifhmu li f'pajjiżi fejn għandhom klima differenti d-djar jistgħu jinbnew bi stili differenti eż. id-djar bis-saqaf imżerżaq fil-pajjiżi fejn jinżel ħafna silġ. |
| 3.3.4 Jidentifikaw id-djar f'pajjiżi differenti u jimmaġinaw kif tista' tkun il-ħajja fihom | Jippruvaw jagħrfu fejn jinsabu dawn il-postijiet u jkunu kapaċi jimmaġinaw x'jistgħu jkunu l-vantaġġi jew l-iżvantaġġi ta' dawn id-djar permezz ta' sorsi viżwali . |

## 3.4 Il-Ħwienet

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 3.4.1 Ikollhom tagħrif dwar x'tip ta' ħwienet kien hemm dari | It-tfal huma mistennija li jkunu jafu kif kienu l-ħwienet fl-antik. Il-ħanut tax-xorb bl-imwejjed kbar ta' l-injam u l-bank ta' sid il-ħanut għandhom jingħataw importanza. Għandha ssir referenza għall-għana tradizzjonali Malti. |
| 3.4.2 Jifhmu għala dawn it-tip ta' ħwienet tbiddlu matul iż-żminijiet | Jifhmu t-tibdil li sar f'dawn il-ħwienet minħabba l-progress; kif ħafna ħwienet ta' tip differenti nfetħu minħabba li s-soċjeta' qiegħda dejjem tinbidel; u għala ttieħdu ċertu miżuri li effettwaw il-bejgħ tal-prodotti. (ara 3.4.3). |
| 3.4.3 Iqabblu u jikkontrastaw it-tip ta' ħwienet li kien hemm dari ma' dawk tal-lum | Jifhmu kif, minkejja li għad baqa' xi similaritajiet mal-ħwienet ta' dari, wieħed jista' jara bidla sħiħa kif isir il-bejgħ eż. l-użu tal-*cash registers* u l-irċevuti fiskali, prezzijiet fissi mwaħħla mal-prodotti, prodotti bid-data ta' meta dan ma jibqax tajjeb, eċċ. |
| 3.4.4 Jidentifikaw kemm tbiddlu l-ħwienet minn sorsi viżwali | Jidentifikaw kemm tbiddlu l-ħwienet u jekk baqax ħwienet li jixbhu lil dawk ta' dari permezz ta' sorsi viżwali. |

# STUDJI SOĊJALI

# Sillabu Ta' L-Iskejjel Primarji

# IR-RABA' SENA

# MIRI TA’ TAGĦLIM

# Fl-Ambjent Ġeografiku Għar-Raba’ Sena

| 4.1 IT-TEMP U L-KLIMA | 4.2 IL-PAJSAĠĠ U L-PROĊESSI FIŻIĊI | 4.3 L-UŻU TA' L-ART U TAL-BAĦAR, RIŻORSI U TIBDIL | 4.4 L-STILI TA' ĦAJJA U ĦARSIEN AMBJENTALI |
|---|---|---|---|
| 4.1.1 Nosservaw l-elementi prinċipali tat-temp, jiġifieri t-temperatura, ix-xita u r-riħ | 4.2.1 Nagħrfu t-tliet biomi ewlenin: id-deżert, il-mergħa u l-foresta (relatati mal-pajjiżi tal-Mediterran); Elementi fiżiċi ewlenin | 4.3.1 L-użu ta' l-art fuq mapep u pjanti ; eżempji :<br>il-pjanta/mappa tal-klassi<br>il-pjanta/mappa ta' l-iskola | 4.4.1 L-ilbies skond it-temp jew l-istaġun f'Malta |
| 4.1.2 Nagħrfu nużaw xi strumenti li jkejlu t-temp:<br>it-termometru, ir-*rain-gauge*, il-pinnur u l-anemometru | 4.2.2 It-tibdil tal-pajsaġġ skond l-istaġuni | 4.3.2 Pjanta aktar komplikata:<br>il-pjanta tal-pjazza tar-raħal jew belt; it-toroq ewlenin li jwasslu għaliha; bini ewlieni fiha jew qrib tagħha | 4.4.2 L-ilbies skond il-klima (sħuna, temperata, kiesħa) |
| 4.1.3 Nifhmu eżempji ħfief ta' riżultati ta' kejl tat-temp; eżempji: minn 15° Ċelsius sa 0° Ċelsius tfisser kesħa; minn 25° Ċelsius 'il fuq tfisser sħana | 4.2.3 Tibdil tal-pajsaġġ fuq medda .twila ta' snin | 4.3.3 X'inhi Mappa<br>eżempji :<br>il-Mappa ta' Malta u Għawdex<br>il-Mappa tal- Mediterran | 4.4.3 It-tibdil li jseħħ mar-ritmu tal-ħajja: il-lejl u n-nhar, il-vaganzi, l-iskola |
| | | 4.3.4 Fuq il-Mappa ta' Malta, nimmarkaw:<br>il-Belt Valletta<br>ir-Rabat(Victoria)<br>ir-raħal jew belt tagħna | 4.4.4 Kif insebbħu l-ambjent ta' l-iskola: it-tiżjin fil-klassi u fl-iskola;<br>il-fjuri fil-qsari jew fil-ġnien ta' l-iskola |
| | | 4.4.5 Fuq il-mappa tal-Mediterran nimmarkaw bl-ikħal il-baħar, bl-isfar l-art | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | 4.4.6 Fuq il-mappa tal-Mediterran nimmarkaw dawn il-pajjiżi u l-bliet kapitali tagħhom:<br>1. L-Alġerija<br>2. Franza<br>3. Il-Ġreċja<br>4. L-Italja<br>5. Il-Libja<br>6. Malta<br>7. Il-Portugal<br>8. Spanja<br>9. It-Tuneżija<br>10. It-Turkija | |

# MIRI TA' TAGĦLIM

# Fl-Ambjent Soċjali
# Għar-Raba' Sena

| 4.1 JIEN U L-OĦRAJN | 4.2 KOMUNIKAZZJONI | 4.3 JIEN U L-AMBJENT |
|---|---|---|
| 4.1.1 It-tfal jagħrfu u jifhmu r-rwoli differenti fil-grupp | 4.2.1 It-tfal jifhmu xi tfisser 'tikkomunika' | 4.3.1 It-tfal jifhmu u jitgħallmu r-regoli ta' mġiba u sigurta` fit-triq |
| 4.1.2 Jagħrfu u jifhmu l-konflitti ta' rwoli fil-grupp | 4.2.2 Jifhmu l-modi differenti ta' komunikazzjoni soċjali | 4.3.2 Jifhmu l-aspetti soċjali tat-triq, eż. tlaqqagħna mal-ġirien, tfakkarna f'nies u ġrajjiet storiċi importanti |
| 4.1.3 Jibdew jagħrfu u jifhmu r-rwoli differenti tan-nies fil-lokalita`, fil-pajjiż, fl-Ewropa u fid-dinja | 4.3.3 Jifhmu li komunikazzjoni timplika drittijiet u dmirijiet | 4.3.3 Jagħrfu l-ambjent soċjali fi stazzjonijiet ċentrali tat-trasport u tal-komunikazzjoni |
| | 4.3.4 Jifhmu kif il-mezzi ta' komunikazzjoni jressquna lejn l-oħrajn fil-lokalita`, fil-pajjiż, fl-Ewropa, fid-dinja | 4.3.4 Iwessgħu l-idea ta' ambjent ġeografiku u uman: il-lokalita`, Malta, l-Ewropa, id-dinja |

# MIRI TA' TAGĦLIM

# Fl-Ambjent Storiku Għar-Raba' Sena

| TEMA | IKOLLHOM TAGĦRIF DWAR IL-PASSAT | JIFHMU GĦALA ĠARA HEKK FIL-QEDEM. | JIFHMU T-TIBDIL U L-KONTINWITA' FL-ISTORJA | L-UŻU TA' SORSI BL-INTERPRETAZZJONI TAGĦHOM U L-IŻVILUPP TA' SENS TA' EMPATIJA. |
|---|---|---|---|---|
| 4.1 Personalitajiet Maltin | Ikollhom tagħrif dwar dawn il-personalitajiet Maltin: Dun Mikiel Xerri u Dun Karm Psaila | Jifhmu l-importanza ta' dawn in-nies fl-istorja ta' Malta | Jifhmu l-effett li kellhom dawn in-nies fuq il-ħajja tan-nies ta' madwarhom | |
| 4.2 Il-Miġja tan-Normanni f'Malta | Jingħataw tagħrif dwar il-miġja tan-Normanni hawn Malta | Jifhmu għala n-Normanni ġew biex jieħdu lil Malta taħt idejhom | Jifhmu kif il-miġja tan-Normanni f'Malta kien stadju ieħor fit-tmexxija ta' pajjiżna minn mexxejja barranin differenti | Jippruvaw jempatizzaw kif ħassew ruħhom il-Maltin wara l-miġja tan-Normanni |
| 4.3 Il-Festi u d-drawwiet u t-tradizzjonijiet popolari Maltin marbuta mal-festi | Tagħrif dwar dawn il-festi u d-drawwiet u t-tradizzjonijiet marbuta magħhom | Jifhmu kif dawn it-tradizzjonijiet u drawwiet kienu importanti fil-ħajja tal-Maltin | Jifhmu kif dawn id-drawwiet antiki għadhom isiru sal-lum | Jipprattikaw xi wħud minn dawn id-drawwiet jew tradizzjonijiet u jimmaġinaw kif setgħet kienet il-ħajja f'dawk iż-żminijiet imbiegħda |
| 4.4 Il-Ħin Liberu | Ikollhom tagħrif dwar kif in-nies kienu jgħaddu l-ħin liberu tagħhom matul iż-żmien | Jifhmu għala n-nies fl-antik kellhom dawk il-passatempi | Jifhmu kif u għala l-mod kif in-nies kienu jgħaddu l-ħin liberu tagħhom tbiddel matul iż-żmien | Jidentifikaw minn sorsi viżwali jekk il-passatemp muri kienx jeżisti fl-antik |

# PROGRAMM

# Ir-Raba' Sena
# L-Ambjent Ġeografiku

## 4.1 It-Temp u l-Klima

| Miri tat-tagħlim | Noti |
|---|---|
| 4.1.1 Nosservaw l-elementi prinċipali tat-temp, jiġifieri t-temperatura, ix-xita u r-riħ | Ix-xita : Ikollhom idea ħafifa taċ-ċiklu ta' l-ilma<br>Ir-riħ u l-pinnur: Ikunu jafu d-direzzjonijiet primarji u sekondarji: Tramuntana, Grigal, Lvant, Xlokk, Nofsinhar, Lbiċ, Punent, Majjistral, eċċ |
| 4.1.2 Nagħrfu nużaw xi strumenti li jkejlu t-temp: it-termometru, il-pluvjometru ( ir-*rain-gauge)*, il-pinnur u l-anemometru | Ħiliet: Tajjeb li dawn l-istrumenti tat-temp ikunu preżenti fl-iskola u jsir użu prattiku minnhom. Tajjeb ukoll li t-tfal ikollhom opportunita` li jwettqu attivita` marbuta magħhom. |
| 4.1.3 Nifhmu eżempji ħfief ta' riżultati ta' kejl tat-temp; eżempji:<br>minn 15° Ċelsius sa 0° gradi Ċelsius tfisser kesħa;<br>minn 25° Ċelsius 'il fuq tfisser sħana | Ħiliet: Inrawmu lit-tfal biex mill-esperjenzi jkunu jafu jagħmlu approssimazzjoni; anki xi eżerċizzji fejn jikkalkulaw huma stess kemm it-temperatura tkun telgħet f'dak il-jum. |

## 4.2 Il-Pajsaġġ u l-Proċessi Fiżiċi

| Miri tat-tagħlim | Noti |
|---|---|
| 4.2.1 Nagħrfu t-tliet biomi ewlenin: id-deżert, il-mergħa u l-foresta relatati mal-pajjiżi tal-Mediterran<br>Elementi fiżiċi ewlenin | Fehma: F'din l-eta` m'għandux isir aċċenn lit-tfal dwar il-kelma 'biomi' li tfisser *habitat* fuq skala kbira. L-importanti hi li jifhmu li l-*habitat* li ngħixu fih jinfluwenza ħafna l-ħajja fuq din id-dinja.<br>Xi elementi fiżiċi ta' biomi:<br>deżert (kiesaħ jew sħun): ramel,ġebel, silġ jew borra, skond il-każ; likeni u algi fuq ħamrija fqira<br>mergħa: pjanti baxxi, arbuxelli, xi siġar fuq ħamrija li tista' tkun tajba ħafna<br>foresta: għadd kbir ta' siġar u taħthom pjanti oħra fuq ħamrija ta' fertilita` varjata<br>Riżorsi: Għażla vasta: minn ritratti sa vidjows |
| 4.2.2 It-tibdil tal-pajsaġġ skond l-istaġuni | Fehma: Prattika fl-osservazzjoni: jista' jinħadem proġett fejn tkun ossservata għalqa partikulari (*FieldWork)* kif tinbidel skond l-istaġuni; it-tibdil li jsir fis-siġar u fil-fjuri<br>Rabta wkoll ma' mira 4.4.1 f'dan is-Sillabu dwar it-tibdil staġjunali fl-istil ta' ħajjet il-bniedem |
| 4.2.3 Tibdil tal-pajsaġġ fuq medda twila ta' snin | Fehma: Riflessjoni li tħares lura fl-istorja tad-dinja<br>Il-lezzjoni tieħu forma ta' rakkont 'Immaġinattiv' meta miljuni ta' snin ilu mergħat inbidlu f'deżerti u foresti inbidlu f'mergħat.<br>Riżorsi: Għażla vasta: minn ritratti sa vidjows |

## 4.3 L-Użu ta' l-Art u tal-Baħar, Riżorsi u Tibdil

| Miri tat-tagħlim | Noti |
|---|---|
| 4.3.1 L-użu ta' l-art fuq mapep u pjanti:<br>eżempji :<br>il-pjanta jew mappa tal-klassi<br>il-pjanta jew mappa ta' l-iskola | Fehma: It-tfal jitgħallmu jaraw l-affarijiet fissi ta' madwarhom minn perspettiva vertikali (mill-għoli 'l isfel). Ftit eżempji ħfief malajr idaħħlu lit-tfal fil-kurżita\` (ngħidu aħna, kif jidhru kikkra u plattina minn perspettiva vertikali... imbagħad it-tfal stess isibu eżempji oħra).<br>Riżorsi: Tpinġija u disinni anki magħmulin mit-tfal |
| 4.3.2 Pjanta aktar komplikata:<br>il-pjanta tal-pjazza tar-raħal jew belt: it-toroq ewlenin li jwasslu għaliha; bini ewlieni fiha jew qrib tagħha | Fehma: L-istess kunċett bħal ta' fuq, imma aktar komplikat.<br>L-għalliema għandhom jissimplifikaw l-eżempji kemm jista' jkun. |
| 4.3.3 X'inhi Mappa<br>eżempji ,<br>il-mappa ta' Malta u Għawdex<br>il-mappa tal-Mediterran | Fehma: Nuru l-importanza tal-pjanti u tal-mapep<br>Sakemm naslu sa dan il-punt it-tfal ikunu diġa\` bdew jifhmu l-kunċett ta' mappa. Nagħtu ftit eżempji dwar il-ħtieġa tal-mappa u l-użu tagħha.<br>Riżorsi: Mappa tal-Gżejjer Maltin u oħra tal-Mediterran |
| 4.3.4 Fuq il-mappa ta' Malta nimmarkaw :<br>il-Belt Valletta<br>ir-Rabat(Victoria)<br>ir-raħal jew belt tagħna | Ħiliet: Jitgħallmu jimmarkawhom sewwa fuq mappa |
| 4.3.5 Fuq il-mappa tal-Mediterran nimmarkaw bl-ikħal il-baħar u bl-isfar l-art | Ħiliet: Din hi ħila bażika fl-istudji tal-mapep. It-tfal iridu jitgħallmu jivviżwalizzaw dak li mappa lineari qed tirrappreżenta b'mod ġenerali. |
| 4.3.6 Fuq il-mappa tal-Mediterran nimmarkaw dawn il-pajjiżi u l-bliet kapitali tagħhom | Għerf:<br>1. L-Alġerija - Alġier<br>2. Franza - Pariġi<br>3. Il-Ġreċja - Ateni<br>4. L-Italja - Ruma<br>5. Il-Libja - Tripli<br>6. Malta - Valletta<br>7. Il-Portugal -Lisbona<br>8. Spanja - Madrid<br>9. It-Tuneżija - Tuniż<br>10. It-Turkija - Ankara |

## 4.4 L-Istili ta' Ħajja u Ħarsien Ambjentali

| Miri tat-tagħlim | Noti |
|---|---|
| 4.4.1 L-ilbies skond it-temp jew staġun f'Malta | Rabta ma' mira 4.2.2<br>Għerf: Tista' ssir referenza għall-ilbies li kien jintuża fl-imgħoddi.<br>Riżorsi: Importanti ħafna li jintużaw riżorsi li jwasslu l-kunċett b'mod kulurit u interessanti . |
| 4.4.2 L-ilbies skond il-klima (sħuna, temperata, kiesħa) | Fehma: Xogħol anki komparattiv bejn staġun u ieħor, kif ukoll bejn pajjiż u ieħor<br>Riżorsi: Stampi ta' l-istess nies fi staġuni differenti |
| 4.4.3 It-tibdil li jseħħ mar-ritmu tal-ħajja: il-lejl u n-nhar, il-vaganzi, l-iskola | Ħiliet: Jitgħallmu josservaw l-ambjent skond il-ħin jew l-istaġun li jkunu qegħdin fih. |
| 4.4.4 Kif insebbħu l-ambjent ta' l-iskola: it-tiżjin fil-klassi u fl-iskola; il-fjuri fil-qsari jew fil-ġnien ta' l-iskola | Ħiliet: Din it-tema toqgħod ħafna għall-attivitajiet kreattivi mill-istess tfal. Għal dan il-għan, hemm ħtieġa ta' tħejjija aktar fit-tul. |

# PROGRAMM

# Ir-Raba' Sena
# L-Ambjent Soċjali

## 4.1 Jien u l-Oħrajn

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 4.1.1 Jagħrfu u jifhmu r-rwoli differenti fil-grupp | Tajjeb li t-tfal jifhmu li hemm relazzjoni bejn ir-rwoli differenti tal-membri tal-grupp. Huma jitgħallmu wkoll li jista' jkun hemm konflitt bejn dawn ir-rwoli, iżda jifhmu li d-differenzi u l-konflitti ma jfissrux ġlied. Orbot dawn il-miri ta' tagħlim mat-temi dwar *Nifhem 'l-Oħrajn*, *Relazzjonijiet tajba ma' l-Oħrajn*, *Naħdem ma' l-Oħrajn* u *Naħdmu biex insewwu l-Konflitti*, bħala parti mit-tema *Ir-Relazzjonijiet* fil-programm tal-PSD. It-tfal huma mistennija li juru interess fl-ideat u s-sentimenti ta' l-oħrajn fil-grupp billi jisimgħu u jagħmlu mistoqsijiet relevanti bil-kliem u bil-kitba. |
| 4.1.2 Jagħrfu u jifhmu l-konflitti ta' rwoli fil-grupp | Jitgħallmu jaħdmu fuq id-differenzi u l-konflitti ta' rwoli billi jsemmu sitwazzjonijiet ta' konflitti u kif ġabu ruħhom fihom; jieħdu sehem f'*role plays* li juru konflitti bejn il-ħbieb. |
| 4.1.3 Jibdew jagħrfu u jifhmu r-rwoli differenti tan-nies fil-lokalita`, fil-pajjiż, fl-Ewropa u fid-dinja | Isemmu rwoli ta' nies li jgħinuna fil-lokalita` (it-tabib , il-pulizija u persuni responsabbli mill-indafa pubblika); u ir-rwol li tkun mexxej fi grupp (kappillan, mexxej ta' grupp ta' twemmin reliġjuż, sindku, Prim Ministru , Membru tal-Parlament Ewropew) f'Malta, fl-Ewropa u fid-dinja. |

## 4.2 Komunikazzjoni

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 4.2.1 Jifhmu xi tfisser 'tikkomunika ' | It-tfal jifhmu aħjar l-aspetti soċjali tal-komunikazzjoni: kif il-komunikazzjoni tibni r-relazzjonijiet bejn il-ħbieb, il-membri tal-familja, in-nies tal-komunita`. Dawn il-miri ta' tagħlim jistgħu jintrabtu ma' esperjenzi kurrikulari oħra li nsibu fit-tema *Il-Komunikazzjoni*, fil-PSD. Din il-mira tistenna li t-tfal juru li qegħdin jifhmu xi tfisser komunikazzjoni billi huma stess jitkellmu ma' l-oħrajn fuq suġġetti ta' interess, jisimgħu u jifhmu lill-oħrajn, jiddiskutu u jaqsmu ideat u esperjenzi bejniethom. Jifhmu wkoll kif nistgħu nibagħtu messaġġi mingħajr kliem: bil-ħars, tbissima, espressjoni tal-wiċċ . . . |
| 4.2.2 Jifhmu l-modi differenti ta' komunikazzjoni soċjali | Isemmu l-modi differenti ta' komunikazzjoni: kliem, ġesti, toroq, mezzi ta' trasport, il-*mass media*, it-teknoloġija ta' l-informatika ; Jiddeskrivu bil-kitba l-modi differenti ta' kif huma jikkomunikaw b'dawn il-mezzi. |
| 4.2.3 Jifhmu li komunikazzjoni timplika drittijiet u dmirijiet | Jitkellmu u jiktbu fuq esperjenzi tagħhom (*hobbies*, skola, logħob, familja, għaqdiet, ġrajjiet sbieħ/koroh) biex juru li għandhom dritt li jesprimu ruħhom kif jidhrilhom l-aħjar u d-dmir li jisimgħu 'l oħrajn jitkellmu. |
| 4.2.4 Jifhmu kif il-mezzi ta' komunikazzjoni jressquna lejn l-oħrajn fil-lokalita`, fil-pajjiż, fl-Ewropa, fid-dinja | Jitkellmu dwar kif il-gazzetti, il-kotba, ir-radju, it-televixin, l-email, l-Internet qegħdin iressqu n-nies f'Malta, fl-Ewropa u fid-dinja aktar qrib xulxin. Huma jsemmu xi esperjenzi ta' komunikazzjoni bħal dawn fil-familja tagħhom eż. telefonati, emails lil zijiet u ħbieb imsifrin. |

## 4.3 Jien u l-Ambjent

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 4.3.1 Jifhmu u jitgħallmu r-regoli ta' mġiba u sigurta` fit-triq | Tajjeb li nkomplu nsaħħu l-aspetti soċjali ta' l-ambjenti li jkunu fihom it-tfal. Tajjeb li nsiru konxji li t-triq hi aktar mill-bini fiżiku: l-istess ismijiet għandhom messaġġ storiku, għandek ir-relazzjonijiet bejn il-familji, insibu stazzjonijiet ċentrali ta' trasport bħal *Bus Terminus*, *Airport*, *Sea Terminal*, *Freeport*, Stazzjon tal-Ferrovija. It-toroq ifissru attivita` kbira ta' xogħol, komunikazzjoni, kummerċ, rikreazzjoni. Hu mistenni li t-tfal f'din il-mira jkunu jafu jfissru s-sinjali tad-dwal tat-traffiku. Jitkellmu fuq regoli ta' użu tajjeb tat-triq; jiktbu fuq kif tista' żżomm it-triq nadifa; u juru attenzjoni waqt l-użu tat-trasport privat u pubbliku. |
| 4.3.2 Jifhmu l-aspetti soċjali tat-triq eż tlaqqagħna mal-ġirien, tfakkarna f'nies u ġrajjiet storiċi importanti | Jitkellmu u jiktbu sentenzi dwar it-triq bħala l-post tad-djar tagħna, tal-familji u l-ġirien; jagħrfu kif l-isem tat-triq hu marbut mal-ħajja, storja u personaġġi tal-lokalita`. |
| 4.3.3 Jagħrfu l-ambjent soċjali fi stazzjonijiet ċentrali ta' trasport u komunikazzjoni | Jindikaw stampi ta', jew ipingu, *Bus Terminus, Airport, Freeport,* Stazzjon tat-Tren; jiktbu sentenzi dwar l-użu tagħhom. |
| 4.3.4 Iwessgħu l-idea ta' ambjent ġeografiku u uman : il-lokalita`, l-Ewropa, id-dinja | Isibu stampi jew ritratti ta' ambjenti żviluppati u inqas żviluppati f'Malta, fl-Ewropa u fid-dinja, l-aktar ambjenti umani/soċjali ; Jitkellmu dwarhom u jiktbu xi sentenzi fuq kif jaħsbuha huma ; Jifhmu li l-Unjoni Ewropea toħloq ambjent soċjali ġdid għal Malta u li sirna familja akbar b'fehmiet, drawwiet, logħob u lingwi differenti . |

# PROGRAMM

# Ir-Raba'   Sena
# L-Ambjent Storiku

## 4.1 Personalitajiet Maltin

| | Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|---|
| 4.1.1 | Ikollhom tagħrif dwar dawn il-personalitajiet Maltin: Dun Mikiel Xerri u Dun Karm Psaila | It-tfal għandhom ikunu jafu li<br>• Dun Karm Psaila jissejjaħ il-poeta nazzjonali għax kiteb L-Innu Malti.<br>Referenza: Id-Denfil 4 paġni 9, 110-111<br>• L-istorja tal-qlubija ta' Dun Mikiel Xerri li ta ħajtu għal art twelidu.<br>Referenza: Id-Denfil 4 paġna 87 |
| 4.1.2 | Jifhmu l-importanza ta' dawn in-nies fl-istorja ta' Malta | Jifhmu l-importanza ta' dawn in-nies fis-soċjeta' Maltija u l-ġid li għamlu għal pajjiżhom |
| 4.1.3 | Jifhmu l-effett li kellhom dawn in-nies fuq il-ħajja tan-nies ta' madwarhom | Jifhmu li dawn in-nies taw spinta kbira lill-patrijottiżmu Malti b'għemilhom u b'hekk aktar ’il quddiem Maltin oħra tħajru mill-eżempju tagħhom u ddistingwew ruħhom fil-ġlieda għal pajjiżhom. |

## 4.2 Il-Miġja tan-Normanni f'Malta

| Miri ta' Tagħlim | | Noti |
|---|---|---|
| 4.2.1 | L-istudenti għandhom jingħataw tagħrif dwar il-miġja tan-Normanni hawn Malta | It-tfal għandhom jingħataw tagħrif dwar min kienu n-Normanni, il-miġja tagħhom hawn Malta u l-ftehim li ntlaħaq mal-Għarab, li kienu jmexxu lil Malta, u l-Konti Ruġġieru.<br>Referenza: Id-Denfil 4 paġni 48-49, Id-Denfil 6, paġni 55-57 |
| 4.2.2 | L-istudenti għandhom jifhmu għala n-Normanni ġew biex jieħdu lil Malta taħt idejhom | Jifhmu l-qagħda stateġika ta' Malta f'nofs il-Mediterran qrib il-gżira ta' Sqallija u l-fatt li l-Għarab baqgħu jgħixu hawn Malta għal ħafna żmien wara l-miġja tal-Konti Ruġġieru. |
| 4.2.3 | L-istudenti għandhom jifhmu kif il-miġja tan-Normanni f'Malta kien stadju ieħor fit-tmexxija ta' pajjiżna minn mexxejja barranin differenti | Jifhmu li Malta kienet dejjem immexxija minn ħakkiema barranin u li n-Normanni kienu biss wieħed mil-lista ta' popli differenti li ħakmu lil Malta. |
| .<br>4.2.4 | L-istudenti għandhom jippruvaw jempatizzaw kif ħassew ruħhom il-Maltin wara l-miġja tan-Normanni | Għandha ssir referenza għall-fatt li l-Maltin kienu draw u integraw ruħhom sew mal-Għarab u li n-Normanni reġgħu taw spinta lill-kummerċ u l-kuntatti ma' l-Ewropa u li kienu poplu Nisrani. |

## 4.3 Il-Festi u d-Drawwiet u t-Tradizzjonijiet Popolari Maltin marbuta mal-Festi.

| Miri ta' Tagħlim | | Noti |
|---|---|---|
| 4.3.1 | Tagħrif dwar dawn il-festi u d-drawwiet u t-tradizzjonijiet marbuta magħhom | It-tfal għandhom jingħataw tagħrif dwar il-festi prinċipali u kif kienu jiġu ċċelebrati f'pajjiżna fl-imgħoddi : il-Milied, l-Għid, l-Imnarja, Santa Marija u l-festa tar-raħal. |
| 4.3.2 | Jifhmu kif dawn it-tradizzjonijiet u drawwiet kienu importanti fil-ħajja tal-Maltin | Jifhmu kif il-preparazzjoni tal-presepju, il-figolli, il-ħarġa sal-Buskett, wirjiet agrikoli bħala parti mill-festi ta' Santa Marija u ta' l-Imnarja, l-għana, il-logħob tan-nar u t-tlielaq taż-żwiemel fil-festi kienu parti integrali mill-ħajja Maltija.<br>Referenza: Id-Denfil 4 paġni 36-37, 40-41 |
| 4.3.3 | Jifhmu kif dawn id-drawwiet antiki għadhom isiru sal-lum | Jifhmu kif dawn id-drawwiet antiki għadhom isiru sal-lum, forsi b'mod differenti, minkejja li ż-żminijiet inbidlu. |
| 4.3.4 | Jipprattikaw xi wħud minn dawn id-drawwiet jew tradizzjonijiet u jimmaġinaw kif setgħet kienet il-ħajja f'dawk iż-żminijiet imbiegħda | Jistgħu jagħmlu fil-prattika xi wħud minn dawn id-drawwiet jew tradizzjonijiet eż. il-preparazzjoni tal-presepju u l-figolli.<br>Tista' tiġi organizzata xi ħarġa sal-Buskett.<br>Jimmaġinaw kif kienet il-ħajja f'dawk iż-żminijiet imbiegħda bl-għajnuna ta' sorsi viżwali. |

## 4.4 Il-Ħin Liberu

| Miri ta' Tagħlim | | Noti |
|---|---|---|
| 4.4.1 | Ikollhom tagħrif dwar kif in-nies kienu jgħaddu l-ħin liberu tagħhom matul iż-żmien | It-tfal għandhom ikunu jafu x'kienu l-passatempi tan-nies fl-antik eż. l-għana, it-tlielaq taż-żwiemel, il-festi, is-sajd, il-kaċċa u l-ħanut tax-xorb. |
| 4.4.2 | Jifhmu għala n-nies fl-antik kellhom dawk il-passatempi | Jifhmu għala fl-antik huma kellhom dawn il-passatempi biss. |
| 4.4.3 | Jifhmu kif u għala l-mod kif in-nies kienu jgħaddu l-ħin liberu tagħhom tbiddel matul iż-żmien | Jifhmu kif, minkejja li dawn il-modi ta' kif tgħaddi l-ħin għadhom jeżistu, illum hawn passatempi oħrajn moderni bħat-televizjoni, it-tlielaq tal-karozzi u sport ieħor, iċ-ċinema, ir-radju u l-logħob fuq il-kompjuter.<br>Referenza: Id-Denfil 4 paġna 19, Id-Denfil 6, paġni 82-85 |
| 4.4.4 | Jidentifikaw minn sorsi viżwali jekk il-passatemp muri kienx jeżisti fl-antik | Jidentifikaw kemm u kif tbiddel jew ma tbiddilx il-mod kif in-nies kienu jgħaddu l-ħin liberu tagħhom permezz ta' sorsi viżwali. |

# STUDJI SOĊJALI

# Sillabu Ta’ L-Iskejjel Primarji

# IL-ĦAMES SENA

# MIRI TA' TAGĦLIM

# Fl-Ambjent Ġeografiku
# Għall-Ħames Sena

| 5.1 IT-TEMP U L-KLIMA | 5.2 IL-PAJSAĠĠ U L-PROĊESSI FIŻIĊI | 5.3 L-UŻU TA' L-ART U TAL-BAĦAR, RIŻORSI U TIBDIL | 5.4 L-ISTILI TA' ĦAJJA U ĦARSIEN AMBJENTALI |
|---|---|---|---|
| 5.1.1 It-Temp fi staġuni differenti f'Malta | 5.2.1 L-effetti tat-temp estrem fuq il-pajsaġġ eż. nixfa u għargħar | 5.3.1 Is-Sajd : Il-ħajja tas-sajjied u s-sajd għal-lampuki | 5.4.1 It-tniġġis tal-baħar minn vapuri u mid-drenaġġ |
| 5.1.2 Tqabbil u differenzi bejn il-klima tal-Gżejjer Maltin u naħa oħra fil-Mediterran bi klima differenti | 5.2.2 L-effetti ta' l-ilma tal-wied (il-ħamla) fuq il-pajsaġġ Malti | 5.3.2 L-Akwakultura | 5.4.2 Is-sehem tagħna biex inħarsu t-turiżmu |
| 5.1.3 Il-klima tad-deżert kiesaħ u tad-deżert sħun | 5.2.3 X'ikunu terremoti | 5.3.3 It-Turiżmu: tipi ta' xogħol | |
| | 5.2.4 Effetti tat-terremoti fuq il-pajsaġġ naturali u uman | 5.3.4 It-Turiżmu: għalfejn jiġu t-turisti | |

# MIRI TA' TAGĦLIM

# Fl-Ambjent Soċjali Għall-Ħames Sena

| 5.1 JIEN U L-OĦRAJN | 5.2 KOMUNIKAZZJONI | 5.3 JIEN U L-AMBJENT |
|---|---|---|
| 5.1.1 It-tfal isaħħu l-ħila li jaħdmu fi grupp | 5.2.1 It-tfal juru attitudni u mġiba ta' rispett u solidarjeta`: il-bażi tal-komunikazzjoni | 5.3.1 It-tfal jagħrfu u jifhmu l-modi differenti ta' mġiba fil-grupp |
| 5.1.2 Jibdew jagħrfu li għandhom rwol fil-grupp | 5.2.2 Jagħrfu l-elementi kulturali li jsaħħu l-komunikazzjoni bejn in-nies tal-lokalita` tagħhom u fil-pajjiż | 5.3.2 Jifhmu kif din l-imġiba tagħmel l-ambjent soċjali; jifhmu aħjar xi tfisser il-frażi 'ambjent soċjali' |
| 5.1.3 Jibdew jagħrfu li r-rwol tagħhom hu marbut ma' rwoli ta' oħrajn fil-lokalita`, fil-pajjiż, fid-dinja | 5.2.3 Jagħrfu l-elementi komuni bejn Malta u l-Ewropa | 5.3.3 Jaraw ir-rabta bejn l-ambjent naturali u l-ambjent uman/soċjali |
| | 5.2.4 Jibdew jifhmu aktar l-opportunitajiet ta' komunikazzjoni bejn Malta u l-pajjiżi l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea | 5.3.4 Isiru konxji ta' l-interess ta' l-Unjoni Ewropea fl-ambjent fil-pajjiżi membri |

# MIRI TA' TAGĦLIM

# Fl-Ambjent Storiku Għall-Ħames Sena

| TEMA | IKOLLHOM TAGĦRIF DWAR IL-PASSAT | JIFHMU GĦALA ĠARA HEKK FIL-QEDEM | JIFHMU T-TIBDIL U L-KONTINWITA' FL-ISTORJA | L-UŻU TA' SORSI BL-INTERPRETAZZJONI TAGĦHOM U L-IŻVILUPP TA' SENS TA' EMPATIJA |
|---|---|---|---|---|
| 5.1 Ir-raħal jew belt fejn noqgħod | Ikollhom tagħrif dwar il-qalba antika tar-raħal | Jifhmu kif ir-raħal żviluppa matul iż-żmien | Jifhmu li minkejja r-raħal tbiddel matul iż-żmien, il-karatteristiċi prinċipali baqgħu l-istess | Iżuru l-postijiet storiċi importanti li jinsabu fir-raħal |
| 5.2 Il-bliet il-qodma Maltin | Ikollhom tagħrif dwar il-bliet il-qodma Maltin (L-Imdina, il-Birgu u ċ-Cittadella f'Għawdex) ; Ikunu jafu fuq l-postijiet ta' importanza storika li jinsabu f'dawn il-bliet | Jifhmu l-pożizzjoni strateġika tagħhom fil-passat u l-importanza tagħhom matul iż-żmien | Jifhmu dak li tbiddel u dak li baqa' l-istess f'dawn il-bliet | Ikollhom esperjenza personali ta' xi waħda minn dawn l-ibliet u jipprovaw jimmaġinaw kif setgħet kienet il-ħajja ta' l-individwi f'dak iż-żmien |
| 5.3 Żmien il-fewdaliżmu u l-irvell kontra Monroy | Ikollhom tagħrif kif Malta għaddiet taħt il-ħakma ta' Don Gonsalvo Monroy, l-irvell kontra tiegħu, il-ftehim li sar mill-kapijiet tal-Maltin mar-Re ta' Sqallija u l-isforzi tagħhom biex jinġabru l-flus biex jifdu lil pajjiżhom | Jifhmu li dawn kienu żminijiet koroh għall-Maltin li dawn ma kellhom l-ebda drittijiet | Jifhmu kif din kienet parti mill-ġlieda twila li kellhom jagħmlu l-Maltin u li biż-żmien kellha twassal biex jieħdu t-tmexxija ta' pajjiżhom f'idejhom | Ikunu kapaċi jempatizzaw kif kienet il-ħajja tal-Maltin matul dak iż-żmien |
| 5.4 L-iżvilupp tal-logħob Olimpiku minn żmien il-Griegi sa llum | Ikollhom tagħrif fuq min kien Pierre de Coubertin u fuq il-Logħob Olimpiku llum | Jifhmu minn fejn ġej il-bidu tal-Logħob Olimpiku, l-idejal ta' dan il-logħob u t-tifsira tal-bandiera Olimpika | Jifhmu x'tip ta' logħob kienu jagħmlu fl-imgħoddi u kif il-logħob li jsir illum hu bbażat fuq id-dixxiplini ta' l-imgħoddi | Permezz ta' sorsi viżwali jkunu kapaċi jidentifikaw kemm u kif tbiddel il-mod kif kienu jsiru l-kompetizzjonijiet f'Olimpijadi |

# PROGRAMM

# Il-Ħames Sena
# L-Ambjent Ġeografiku

## 5.1 It-Temp u l-Klima

| Miri tat-tagħlim | Noti |
|---|---|
| 5.1.1 It-temp fi staġuni differenti f'Malta | Fehma: Inħeġġu lit-tfal isegwu r-rapporti tat-temp fuq it-TV. It-tfal ikunu mgħallma biex jagħrfu jqabblu staġun ma' ieħor f'Malta.<br>Riżorsi: It-tfal iħejju *chart* bir-rapport tat-temp, illustrata bi stampi minn gazzetti u rivisti. |
| 5.1.2 Tqabbil u differenzi bejn il-klima tal-Gżejjer Maltin u naħa oħra fil-Mediterran bi klima differenti | Fehma: Ngħallmu lit-tfal id-differenzi bejn staġun f'Malta u l-istess staġun f'naħa oħra tal-Mediterran eż. madwar Milan |
| 5.1.3 Il-klima tad-deżert kiesaħ u tad-deżert sħun | Fehma: Ibda bit-tifsira ta' x'inhu deżert sħun u deżert kiesaħ (Tundra). Agħti eżempji konkreti tat-temperaturi u tip ta' maltemp li jagħmel f'dawn l-inħawi.<br>Riżorsi : Stampi u filmati, li juru dan kollu, huma essenzjali. |

## 5.2 Il-Pajsaġġ u l-Proċessi Fiżiċi

| Miri tat-tagħlim | Noti |
|---|---|
| 5.2.1 L-effetti tat-temp estrem fuq il-pajsaġġ eż. nixfa u għargħar | Fehma: Din il-mira għandha tkun imsensla ma' dik ta' qabel. Hawn l-aċċent ikun fuq temp estrem fejn issir ħsara kbira, kemm lill-ambjent naturali u kemm lil dak uman.<br>Riżorsi: Jingħataw eżempji u t-tfal jintalbu jfittxu stampi u riżorsi oħra. |
| 5.2.2 L-effetti ta' l-ilma tal-wied (il-ħamla) fuq il-pajsaġġ Malti | Fehma: X'ikun dan il-periklu u x'jista' jsir biex ikun evitat. Iridu jkunu eżempji ħfief li jinftiehmu mit-tfal.<br>Riżorsi: Siltiet minn gazzetti lokali huma effettivi ħafna |
| 5.2.3 X'ikunu terremoti | Għerf: Tissemma l-intensita`, iżda m'hemmx għalfejn nidħlu fuq strumenti u skali ta' kejl.<br>Riżorsi: Għajnuna viziva minn stampi sa vidjows |
| 5.2.4 Effetti tat-terremoti fuq il-pajsaġġ naturali u uman | Fehma: Ara 5.2.3 Ħafna drabi l-ħsarat ta' l-ambjent uman jiġi f'moħħ dak li jkun mill-ewwel, iżda tajjeb li nifhmu l-ħsarat li terremot jikkawża fuq il-pasjaġġ naturali (valangi, telfien ta' sorsi naturali bħal spieri, bidliet fil-forom tal-pajsaġġ li jista' ma jibqax aċċessibbli). |

## 5.3 L-Użu ta' l-Art u tal-Baħar, Riżorsi u Tibdil

| Miri tat-tagħlim | Noti |
|---|---|
| 5.3.1 Is-Sajd: Il-ħajja tas-Sajjied u s-sajd għal-lampuki | Fehma: L-iżvilupp ta' din it-tema għandha tkun biss fuq linji ġenerali. Il-ħajja tas-sajjied hi marbuta ma' ħinijiet flessibbli, ikkundizzjonati ħafna mill-elementi naturali, l-aktar ma' staġuni tal-ħut u fenomeni marbuta mat-temp. Hemm ukoll il-fatt li hemm sajjieda *part-time* u numru inqas ta' sajjieda *full-time.*<br>Din it-tema għandha tkun mgħallma mingħajr dettalji żejda dwar kif isir is-sajd għal-lampuki. B'mod ġenerali t-tfal jitgħallmu l-aktar dwar il-metodi tar-rixa u taċ-ċimi.<br>Riżorsi: Kitba, stampi, tpinġijiet jew videjows |
| 5.3.2 L-Akwakultura | Fehma: It-tfal jifhmu l-vantaġġi ta' dan il-metodu fuq il-metodi l-oħra tas-sajd tradizzjonali.<br>Eżempju wieħed ta' Ċentru ta' l-Akwakultura f'Malta: ix-xogħol ewlieni li jsir fih.<br>Eżempju wieħed ta' ħuta mrobbija b'dan il-metodu: l-awrata |
| 5.3.3 It-Turiżmu: tipi ta' xogħol | Għerf: X'inhu xogħol ta' servizz f'dan il-qasam ; tipi ta' xogħol fil-lukandi u ristoranti, gwidi, xufiera tat-taxi u tal-kowċis.<br>Riżorsi: Kitba u stampi varji ta' servizzi fit-turiżmu |
| 5.3.4 It-Turiżmu: għalfejn jiġu t-turisti | Għerf: Xemx, baħar, storja/preistorja, divertiment u mistrieħ<br>Attitudnijiet: X'jistenna t-turist: kumdita`, imġiba tajba, indafa, servizz tajjeb u bla telf ta' ħin<br>Riżorsi: Kitba u stampi ta' xeni sbieħ f'Malta |

## 5.4. Stili ta' ħajja u ħarsien ambjentali

| Miri tat-tagħlim | Noti |
|---|---|
| 5.4.1 It-tniġġis tal-baħar minn vapuri u mid-drenaġġ | Għerf: Din il-problema hi attwali ħafna u tista' tintrabat ma' ġrajjiet li jseħħu fil-Mediterran (imma mhux biss).<br>Riżorsi: L-għalliema jistgħu jużaw l-aħbarijiet, eż. mill-gazzetti, biex fuqhom jinbnew il-lezzjonijiet. |
| 5.4.2 Is-sehem tagħna biex inħarsu t-turiżmu | Attitudnijiet: Din il-mira ssaħħaħ l-valuri fit-tfal; x'jistgħu jagħmlu huma, aktar milli x'suppost jagħmel ħaddieħor. |

# PROGRAMM

# Il-Ħames Sena
# L-Ambjent Soċjali

## 5.1 Jien u l-Oħrajn

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 5.1.1 It-tfal isaħħu l-ħila li jaħdmu fi grupp | L-esperjenzi varji fil-grupp jgħinu t-tfal jiżviluppaw aktar il-ħila li jaħdmu fil-grupp. It-tema tal-grupp fl-Istudji Soċjali torbot tajjeb mat-temi dwar *Il-Komunikazzjoni* u *Ir-Relazzjonijiet* fil-programm tal-PSD. Jitkellmu fuq l-imġiba pożittiva u negattiva tal-membri tal-grupp, mingħajr ma jweġġgħu is-sentimenti tagħhom u ta' l-oħrajn. Hawnhekk it-tfal għandhom jiddiskutu kif jistgħu tejbu l-aspetti negattivi fil-ħajja tal-grupp; jorganizzaw attivita` żgħira bħala grupp, li jista' jkollha impatt soċjali fl-iskola jew fil-komunita`, eż. żjara fid-Dar tat-Tfal/Dar ta' l-Anzjani. Huma jirrekordjaw l-esperjenza tal-grupp bi tpinġija jew stampi jew ritratti u bil-kitba ta' sentenzi. |
| 5.1.2 Jibdew jagħrfu li għandhom rwol fil-grupp | Isemmu x'jagħmlu u x'jistgħu jagħmlu fil-grupp; jiktbu xi sentenzi dwar dan. |
| 5.1.3 Jibdew jagħrfu li r-rwol tagħhom hu marbut ma' rwoli ta' oħrajn fil-lokalita`, fil-pajjiż, fid-dinja | Jitkellmu dwar kif dak li nagħmlu jaffettwa 'l-oħrajn, ukoll jekk joqogħdu 'l bogħod minna jew saħansitra f'pajjiż ieħor eż. l-indafa fl-ambjent, imġiba ta' ħbiberija u paċi, l-għajnuna li nagħtu, it-tagħlim, l-aktar dak permezz ta' l-informatika u l-bejgħ u x-xiri ta' oġġetti. |

## 5.2 Komunikazzjoni

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 5.2.1 Juru attitudni u mġiba ta' rispett u solidarjeta`: il-bażi tal-komunikazzjoni | It-tfal għandhom jifhmu li l-komunikazzjoni u l-għaqda ta' bejnietna jissaħħu meta nkunu nafu nuru rispett, inkunu responsabbli ta' l-imġiba tagħna u nuru solidarjeta` ma' l-oħrajn. Qabbel dawn l-aspetti soċjali mat-tema dwar *Il-Ħila li Nisma u Nifhem*' u t-tema dwar *L-Emozzjonijiet Tiegħi* fit-tema ġenerali *Il-Komunikazzjoni* u t-temi *Nifhem 'l-Oħrajn* u *Naħdem ma' l-Oħrajn* fit-tema ġenerali *Ir-Relazzjonijiet* fil-programm tal-PSD. Din l-attitudni tista' tintwera billi t-tfal jieħdu sehem f'*role-plays* b'dawn it-temi u wara jiktbu dwar xi esperjenzi li jkunu ħadu minn din l-attivita`edukattiva. |
| 5.2.2 Jagħrfu l-elementi kulturali li jsaħħu l-komunikazzjoni bejn in-nies tal-lokalita` tagħhom u fil-pajjiż | It-tfal għandhom jifhmu aktar l-aspett ta' komunikazzjoni fil-Lingwa bħal, li l-Lingwa hija l-karatteristika ewlenija ta' l-identita` ta' Poplu u Nazzjon, l-użu tagħha fil-kitba u l-*mass media*, it-traduzzjonijiet minn Lingwi oħra, il-Lingwa bħala mezz ta' komunikazzjoni bejn popli u kulturi Ewropej, Mediterranji, u f'pajjiżi oħra tad-dinja. Iwieġbu mistoqsijiet, verbalment u bil-kitba, dwar il-Lingwa Maltija, l-Innu u l-Bandiera Nazzjonali, it-tradizzjonijiet Maltin, il-familja f'Malta, ix-xogħol tal-ħaddiema Maltin u t-teknoloġija ta' l-informatika f'Malta. B'hekk juru li qegħdin isiru jafu fuq l-elementi li jsawru l-kultura Maltija u s-sinjali tal-għaqda nazzjonali. Tajjeb li jifhmu wkoll li meta n-nies ta' komunita` jirrelataw ma' simboli kulturali komuni, bħalma huma l-Lingwa, it-Tradizzjonijiet, il-Festi u l-istil ta' ħajja, tikber aktar il-komunikazzjoni bejniethom. |
| 5.2.3 Jagħrfu l-elementi komuni bejn Malta u l-Ewropa | Isemmu r-rispett tad-drittijiet umani, il-ħidma favur il-paċi, id-demokrazija parlamentari, il-Qorti tal-ġustizzja, ir-rispett ta' twemmin reliġjuż u politiku differenti ; jiktbu xi paragrafi qosra dwar temi komuni: id-drittijiet tat-tfal u l-ħidma favur il-paċi . |

| | |
|---|---|
| 5.2.4 Jibdew jifhmu aktar l-opportunitajiet ta' komunikazzjoni bejn Malta u l-pajjiżi l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea | Il-programmi edukattivi li jaqgħu taħt 'Socrates' jistgħu jissemmew f'dawk il-każijiet fejn hemm skejjel li qegħdin jipparteċipaw. |

## 5.3 Jien u l-Ambjent

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 5.3.1 Jagħrfu u jifhmu l-modi differenti ta' mġiba fil-grupp | Dawn l-esperjenzi ta' tagħlim se jgħinu biex titwessa' l-idea ta' ambjent li għandhom it-tfal: l-ambjent jinkludi wkoll ir-relazzjonijiet, l-imġiba u l-attivitajiet tan-nies. L-idea u l-esperjenza ta' ambjent soċjali jistgħu jintrabtu ma' l-istess esperjenzi ta' tagħlim li ssibu fit-tema *Ir-Relazzjonijiet* fil-PSD. F'din il-mira ta' tagħlim it-tfal iridu jiddeskrivu bil-kliem u bil-kitba l-imġiba, ir-relazzjonijiet u l-attivitajiet fil-grupp. Jiddeskrivu bil-kitba kif huma jaraw il-grupp tagħhom. |
| 5.3.2 Jifhmu kif din l-imġiba tagħmel l-ambjent socjali. Jifhmu aħjar xi tfisser il-frażi 'ambjent soċjali' | Jesploraw relazzjonijiet u attivitajiet differenti fil-grupp u fil-komunita`; jidentifikaw ix-xogħol tan-nies u l-kontribut tagħhom fil-komunita`: l-għalliema, it-tobba, il-qassis, membri ta' xi reliġjon oħra li t-tfal jistgħu jkunu jafu bihom, il-pulizija, il-kunsilliera, il-*wardens*, dawk li jżommu l-ambjent nadif; jiddeskrivu kif dawn in-nies qegħdin jgħinu biex ikollna ambjent soċjali aħjar. |
| 5.3.3 Jaraw ir-rabta bejn l-ambjent naturali u l-ambjent uman/soċjali | Jaraw ir-rabta bejn l-indafa fl-ambjent u s-saħħa, bejn in-nuqqas ta' ħsejjes esaġerati u s-saħħa mentali ; jaraw is-sabiħ f'ambjent tal-logħob u tax-xogħol mingħajr perikli għal saħħithom. |
| 5.3.4 Isiru konxji ta' l-interess ta' l-Unjoni Ewropea fl-ambjent fil-pajjiżi membri | Isemmu biss kif l-Unjoni Ewropea trid li l-Pajjiżi Membri jkollhom ambjent nadif biex minnu jgawdu ċ-ċittadini kollha. |

# PROGRAMM

# Il-Ħames Sena
# L-Ambjent Storiku

## 5.1 Ir-Raħal jew Belt fejn noqgħod

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 5.1.1 Ikollhom tagħrif dwar il-qalba antika tar-raħal | It-tfal għandhom ikunu kapaċi jidentifikaw fejn qiegħda l-qalba antika tar-raħal, liema bini jinsab hemmhekk u x'użu jsir minn din il-parti tar-raħal fil-ġurnata ta' llum.<br>Referenza: Id-Denfil 5 paġna 51 |
| 5.1.2 Jifhmu kif ir-raħal żviluppa matul iż-żmien | Jifhmu xi żvilupp sar matul iż-żmien u għala kien meħtieġ dan it-tibdil. |
| 5.1.3 Jifhmu li, minkejja li r-raħal tbiddel matul iż-żmien, il-karatteristiċi prinċipali baqgħu l-istess | Jifhmu li, minkejja t-tibdil kollu li sar, ftit li xejn tbiddel fil-karatteristiċi tiegħu prinċipali u s-sura li kellha qabel il-qalba tar-raħal għadek tista' taraha sal-lum. |
| 5.1.4 Iżuru l-postijiet storiċi importanti li jinsabu fir-raħal | Ikollhom esperjenza personali tal-postijiet storiċi li jista' jkun hemm fir-raħal billi tiġi organizzata dawra mar-raħal tagħhom; jinnutaw ukoll il-bini u d-dekorazzjonijiet li jsebbħu lir-raħal tagħhom eż. niċeċ, statwi, gallariji, ġonna eċċ. |

## 5.2 L-Ibliet il-Qodma Maltin

| | Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|---|
| 5.2.1 | Ikollhom tagħrif dwar l-ibliet il-qodma Maltin (l-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella f'Għawdex)<br><br>Ikunu jafu fuq il-postijiet ta' importanza storika li jinsabu f'dawn l-ibliet. | It-tfal għandu jkollhom tagħrif ġenerali dwar l-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella f'Għawdex.<br>Referenza: Id-Denfil 5, paġni 84-87<br>Ikunu konxji tal-postijiet prinċipali u l-karatteristiċi ta' dawn il-postijiet eż. l-Imdina (is-swar, it-toroq dojoq, il-Katidral, it-Torri ta' l-Istandard, id-dar Normanna eċċ.) |
| 5.2.2 | Jifhmu l-pożizzjoni strateġika tagħhom fil-passat u l-importanza tagħhom matul iż-żmien | Ikunu jafu li<br>• L-Imdina kienet qiegħda f'pożizzjoni tajba billi kienet imdawra mis-swar u mibnija f'post għoli f'nofs il-gżira ta' Malta u għalhekk imbiegħda mix-xtut.<br>• Fil-Birgu kien hemm il-Kastell ta' Sant'Anglu li kien il-fortifikazzjoni prinċipali madwar il-Port il-Kbir fiż-żminijiet medjevali.<br>• Iċ-Ċittadella kienet il-fortifikazzjoni t'Għawdex billi kienet mibnija fil-għoli f'nofs il-gżira. |
| 5.2.3 | Jifhmu dak li tbiddel u dak li baqa' l-istess f'dawn il-bliet | Jifhmu li, minkejja t-tibdil li sar matul iż-żmien, il-karatteristiċi prinċipali bħas-swar u t-toroq dojoq li jgħaqqduhom baqgħu l-istess. |
| 5.2.4 | Ikollhom esperjenza personali ta' xi waħda minn dawn l-ibliet u jippruvaw jimmaġinaw kif setgħet kienet il-ħajja ta' l-individwi f'dak iż-żmien | Jagħmlu xi żjara lil xi waħda mill-ibliet il-qodma ta' Malta u b'hekk jakkwistaw esperjenza iżjed ħajja u personali;<br>jempatizzaw kif kienet il-ħajja tan-nies ta' livelli soċjali differenti f'dak iż-żmien u x'kienu l-biżgħat prinċipali tagħhom. |

## 5.3 Żmien il-Fewdaliżmu u l-Irvell ta' Monroy

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 5.3.1 Ikollhom tagħrif kif Malta għaddiet taħt il-ħakma ta' Don Gonsalvo Monroy, l-irvell kontra tiegħu, il-ftehim li sar mill-kapijiet tal-Maltin mar-Re ta' Sqallija u l-isforzi tagħhom biex jinġabru l-flus biex jifdu lil pajjiżhom | It-tfal għandhom ikunu jafu l-ġrajja ta' Malta taħt il-ħakma ta' Monroy. Il-punti prinċipali għandhom ikunu;<br>• l-għotja ta' Malta bħala fewdu lil Monroy għas-somma ta' 30,000 fjorin (flus ta' dak iż-żmien)<br>• it-tbatija tal-Maltin taħt il-ħakma tiegħu minħabba t-taxxi ħorox li għamel<br>• in-nuqqas fil-ħarsien tal-gżejjer Maltin mill-attakki tal-furbani<br>• l-irvell tal-Maltin kontra t-tmexxija ħażina tiegħu<br>• il-ħtif tad-dar tiegħu fl-Imdina<br>• ir-refuġju tal-mara tiegħu fil-Kastell Sant' Anglu<br>• il-mawra ta' żewġ qassisin għan-nom tal-Maltin biex jilħqu ftehim mar-Re Alfonsu ta' Aragona<br>• il-wegħda tar-Re li ma jerġax jagħti lil Malta lil xi sinjur ieħor bil-patt li l-Maltin jiġbru l-flus li kien ħallas Monroy biex ħa lil Malta<br>• il-maħfra ta' Monroy fuq is-sodda tal-mewt ta' l-aħħar 10,000 fjorin li kien baqa' jinġabru<br>Referenza: Id-Denfil 5, paġni 111-113 |
| 5.3.2 Jifhmu li dawn kienu żminijiet koroh għall-Maltin u li dawn ma kellhom l-ebda drittijiet | Jifhmu kif il-Maltin ma kellhom l-ebda drittijiet f'dak iż-żmien u kif Malta kienet tingħata bħala fewdu kull meta r-Re kien ikollu bżonn il-flus jew is-suldati biex jiġġieled xi gwerra. B'hekk il-Maltin kellhom ibatu minħabba t-taxxi li kien jagħmel il-ħakkiem il-ġdid biex jiġbor flusu u jkompli jżid il-ġid tiegħu. |
| 5.3.3 Jifhmu kif din kienet parti mill-ġlieda twila li kellhom jagħmlu l-Maltin u li biż-żmien kellha twassal biex jieħdu t-tmexxija ta' pajjiżhom f'idejhom | Jifhmu li missirijietna kellhom jitħabtu ħafna matul iż-żminijiet biex illum wasalna biex ikollna stat independenti fejn Maltin stess magħżula minna jmexxu lil pajjiżna. |
| 5.3.4 Jkunu kapaċi jempatizzaw kif kienet il-ħajja tal-Maltin matul dak iż-żmien | Jifhmu x'kienu l-aspirazzjonijiet tal-Maltin f'dak iż-żmien u kif kienu jgħixu l-ħajja normali tagħhom. |

## L-Iżvilupp tal-Logħob Olimpiku minn żmien il-Griegi sa llum

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 5.4.1 Ikollhom tagħrif fuq min kien Pierre de Coubertin u fuq il-Logħob Olimpiku llum | It-tfal għandhom ikunu konxji ta' l-ideal tal-fundatur ta' l-Olimpjadi moderni, Pierre de Coubertin. Dan kien jemmen li,<br>• L-isport hu importanti ħafna għas-saħħa.<br>• L-importanti hu li tieħu sehem u mhux li tirbaħ.<br>• L-isport jista' jressaq lil nies minn pajjiżi differenti għal ħbiberija ikbar ma' xulxin.<br>Referenza: Id-Denfil 5, paġni 165-167<br>Ikollhom idea ġenerali fuq id-dixxiplini li jsiru fil-Logħob Olimpiku llum eż. l-atletika (tlielaq fit-tul u fil-qasir, tfigħ tad-disku u l-*javelin*, qbiż għat-tul u għall-għoli), l-irfigħ ta' piżijiet tqal, ġinnastika, tlielaq u logħob fl-ilma, *boxing*, tiġrijiet ta' dgħajjes, lotta (sarar), qbiż taż-żwiemel, *fencing* (kompetizzjoni bix-xwabel), eċċ. |
| 5.4.2 Jifhmu minn fejn ġej il-bidu tal-Logħob Olimpiku, l-ideal ta' dan il-logħob u t-tifsira tal-bandiera Olimpika | Jifhmu kif il-Logħob Olimpiku beda jsir fil-Greċja tal-Qedem bħala parti mill-festa li kienet issir lil Zeus, is-sultan ta' l-allat li kien jgħix fuq il-muntanja Olimpu.<br>L-ideal ta' dan il-logħob hu li jġib il-pajjiżi kollha f'kuntatt ma' xulxin u b'hekk tikber il-ħbiberija bejniethom.<br>Il-ħames ċrieki ta' lwien differenti minsuġa wieħed fuq l-ieħor jirrappreżentaw l-għaqda bejn il-ħames kontinenti tad-dinja. |
| 5.4.3 Jifhmu x'tip ta' logħob kienu jagħmlu fl-imgħoddi u kif il-logħob li jsir illum hu bbażat fuq id-dixxiplini ta' l-imgħoddi | Jifhmu kif l-istess dixxiplini li jsiru llum kienu jsiru taħt xi forma jew oħra fil-Ġreċja tal-Qedem u kif dawn kienu bbażati fuq il-kapaċitajiet tal-bniedem biex ikun suldat tajjeb. Dawn kienu jsiru wkoll darba kull erba' snin. Fost il-logħob l-aktar popolari fl-imgħoddi kien hemm it-tiġrijiet biż-żwiemel, it-tlielaq, il-ġlied bil-ponn, il-qbiż, is-sarar u t-twaddib tad-disku u tal-lanza. |
| 5.4.4 Permezz ta' sorsi viżwali jkunu kapaċi jidentifikaw kemm u kif tbiddel il-mod kif kienu jsiru l-kompetizzjonijiet fl-Olimpijadi | Jifhmu t-tibdil li ż-żmien ġab miegħu mhux biss fil-mod li jsiru l-kompetizzjonijiet iżda wkoll fl-organizzazzjoni tagħhom eż. il-kompetizzjoni ssir dejjem f'belt differenti u n-nisa bdew jieħdu parti f' kompetizzjonijiet għalihom. |

# STUDJI SOĊJALI

# Sillabu Ta’ L-Iskejjel Primarji

# IS-SITT SENA

# MIRI TA' TAGĦLIM

# Fl-Ambjent Ġeografiku Għas-Sitt Sena

| 6.1 IT-TEMP U L-KLIMA | 6.2 IL-PAJSAĠĠ U L- PROĊESSI FIŻIĊI | 6.3 L-UŻU TA' L-ART U TAL-BAĦAR, RIŻORSI U TIBDIL | 6.4 L-ISTILI TA' ĦAJJA U ĦARSIEN AMBJENTALI |
|---|---|---|---|
| 6.1.1 It-temperatura ta' l-arja f'Malta: il-kejl bl-użu tat-termometru | 6.2.1 L-Arċipelagu Malti: il-Gżejjer Maltin u l-pożizzjoni tagħhom fil-Mediterran | 6.3.1 Bliet, irħula jew inħawi Maltin:<br>• Il-Belt Valletta<br>• Il-Birgu<br>• Il-Gudja<br>• Ir-Rabat (Malta)<br>• Iċ-Ċirkewwa<br>• Victoria<br>• Ix-Xlendi<br>• Tas-Sliema<br>• Bormla<br>• Marsaxlokk<br>• Il-Mellieħa<br>• L-Imġarr(Għawdex)<br>• Marsalforn | 6.4.1 Id-differenzi ewlenin bejn ħajja fil-kampanja u ħajja fl-ibliet Maltin |
| 6.1.2 Ir-rappreżentazzjoni grafika tat-temperatura permezz ta' *line-graphs* | 6.2.2 Il-pajsaġġ Malti: kif issawwar il-blat ta' Malta | 6.3.2 Il-Biedja: Kif tinqasam il-biedja, jiġifieri xogħol fir-raba' u t-trobbija tal-bhejjem | 6.4.2 Il-ħajja tal-bdiewa fil-kampanja Maltija |
| 6.1.3 Ix-Xita: il-kejl ta' l-ammont ta' xita f'Malta permezz tar- *rain gauge* (pluvjumetru) | 6.2.3 Liema huma l-ħames saffi tal-blat | 6.3.3 Xi problemi fix-xogħol tal-bidwi u tar-raħal | 6.4.3 Tniġġis li jsir minħabba ċerti fabbriki |
| 6.1.4 Ir-rappreżentazzjoni grafika bl-użu ta' *bar-graphs* | 6.2.4 X'inhuma fossili u kif ġew fis-saffi tal-blat f'Malta | 6.3.4 Razzett u qasam modern tal-biedja | 6.4.4 X'ikun riċiklaġġ u ftit eżempji ta' kif jista' jsir (metalli, karta u ħġieġ) |
| 6.1.5 Ir-riħ: nagħrfu d-direzzjoni permezz tal-pinnur | 6.2.5 It-tifsira elementari ta' l-ambjent fiżiku Malti: għoljiet, widien, irdumijiet bajjiet, għerien, daħliet | 6.3.5 L-Oqsma Industrijali: tifsira | 6.4.5 It-tniġġis ta' l-arja u t-traffiku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6.1.6 Ir-riħ: il-Warda ta' l-Irjieħ bil-Malti | 6.2.6 Eżempju wieħed ta' kull karatteristika ġeografika msemmija f'6.2.3 | 6.3.6 Il-fabbriki: tifsira | 6.4.6 Is-sigurtà fit-toroq u l-imġiba tagħna |
| 6.1.7 Ir-riħ: nagħrfu l-qawwa tar-riħ permezz ta' l-anemometru | 6.2.7 Il-Baħar Mediterran: it-tliet fetħiet : il-Fliegu ta' Ġibiltà, il-Kanal tas-Swejz, id-Dardanelli | 6.3.7 Il-fabbriki: importazzjoni ta' materja prima u esportazzjoni ta' prodotti lesti | |
| | 6.2.8 Nagħrfu dawn il-gżejjer tal-Mediterran:<br>• Il-Gżejjer Baleariċi<br>• Korsika<br>• Sqallija<br>• Sardenja<br>• Kreta<br>• Ċipru | 6.3.8 Nagħrfu fejn huma tnejn minn dawn l-oqsma industrijali:<br>• Ta' San Ġwann<br>• Tal-Marsa<br>• Ta' Kordin<br>• Tar-Rikażli<br>• Ta' l-Imrieħel<br>• Ta' Ħal Far<br>• Ta' Bulebel<br>• Tax-Xewkija | |
| | 6.2.9 L-Ibħra li jinfdu miegħu: il-Baħar l-Iswed, il-Baħar l-Aħmar, l-Oċean Atlantiku | 6.3.9 Trasport fuq l-art: mezzi ta' trasport illum, bħal ma huma karozzi privati u mezzi pubbliċi jew kummerċjali bħal tal-linja, kowċis, taxis, *minibuses*, trakkijiet | |
| | 6.2.10 Nagħrfu l-pajjiżi kollha li jmissu mal-Mediterran u ninkludu l-Portugal | 6.3.10 Toroq moderni: *bypasses*, *flyovers* | |

# MIRI TA' TAGĦLIM

# Fl-Ambjent Soċjali
# Għas-Sitt Sena

| 6.1 JIEN U L-OĦRAJN | 6.2 KOMUNIKAZZJONI | 6.3 JIEN U L-AMBJENT |
|---|---|---|
| 6.1.1 Jagħrfu kif huma jagħmlu parti minn grupp u kif għandhom rwol fil-grupp | 6.2.1 Jifhmu kif il-komunikazzjoni soċjali tgħin liċ-ċittadin jgħix f'aktar demokrazija | 6.3.1 Jibdew jagħrfu u jifhmu kif is-soċjetà hi organizzata f'arranġamenti soċjali jew istituzzjonijiet |
| 6.1.2 Juru ħiliet differenti meħtieġa għall-ħajja tal-grupp | 6.2.2 Jifhmu kif id-demokrazija għaċ-ċittadin tissaħħaħ b'komunikazzjoni effettiva u kif il-komunikazzjoni tgħin u ssaħħaħ il-ħajja taċ-ċittadin fis-soċjetà | 6.3.2 Jagħrfu u jifhmu kif dawn l-istituzzjonijiet insibuhom f'Malta, fl-Ewropa u fid-dinja |
| 6.1.2 Jibdew jifhmu kif is-sens ta' solidarjetà jagħmilna aktar qrib ta' l-oħrajn | 6.2.3 Jesperimentaw bl-e-mail u l-Internet biex jikkomunikaw ma' tfal oħra fl-Ewropa u jsaħħu l-valuri ta' ħbiberija u solidarjetà | 6.3. 3 Jaraw l-Unjoni Ewropea bħala istituzzjoni li tħares id-drittijiet tal-bniedem |
| | | 6.3.4 Ikunu jafu li l-Unjoni Ewropea għandha regoli (direttivi) fl-interess ta' l-ambjent |

# MIRI TA' TAGĦLIM

# Fl-Ambjent Storiku Għas-Sitt Sena

| TEMA | IKOLLHOM TAGĦRIF DWAR IL-PASSAT | JIFHMU GĦALA ĠARA HEKK FIL-QEDEM | JIFHMU T-TIBDIL U L-KONTINWITÀ FL-ISTORJA | L-UŻU TA' SORSI BL-INTERPRETAZZJONI TAGĦHOM U L-IŻVILUPP TA' SENS TA' EMPATIJA |
|---|---|---|---|---|
| 6.1 Iż-Żmien Preistoriku u l-ewwel nies li għexu f'Malta | Ikunu jafu fuq l-ewwel nies f'Malta, ix-xogħol tagħhom u t-twemmin reliġjuż | Jifhmu għala Għar Dalam hu importanti fl-istudju tal-preistorja ta' Malta u l-vantaġġi li sab l-ewwel bniedem f'Malta | Jaraw u jifhmu kif il-bniedem bil-mod il-mod beda jagħmel progress kbir minn dak iż-żmien meta ma kellu l-ebda kumditajiet | Ikunu esposti għall-fdalijiet preistoriċi li nstabu, u jkunu jafu jinterpretaw dawn il-fdalijiet |
| 6.2 Il-Miġja ta' San Pawl f'Malta | Ikunu jafu l-ġrajja tan-nawfraġju ta' San Pawl | Jifhmu għala San Pawl kellu jagħmel dan il-vjaġġ u l-importanza għalina l-Maltin ta' din il-ġrajja | Jaraw kif din il-ġrajja għadha ħajja fostna billi Malta baqgħet tħaddan it-twemmin Nisrani sal-lum | Ikunu konxji tal-postijiet marbuta mal-miġja ta' San Pawl f'Malta; jempatizzaw kif ħassew ruħhom il-Maltin meta laqgħu fosthom lil San Pawl |
| 6.3 L-Assedju l-Kbir ta' l-1565 | Ikollhom tagħrif dwar il-fortifikazzjonijiet li kienu jeżistu f'Malta qabel l-Assedju l-Kbir. Ikunu jafu l-ġrajjiet ewlenin ta' l-Assedju l-Kbir | Jifhmu għala t-Torok attakkaw lil Malta. Jifhmu d-diffikultajiet li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom iż-żewġ naħat | Janalizzaw x'kienet tfisser għal Malta u għall-Ordni ta' San Ġwann din ir-rebħa; ikunu konxji li dawn il-fortifikazzjonijiet għadhom wieqfa sal-ġurnata tal-lum | Jaraw u jifhmu l-fortifikazzjonijiet li kienu jeżistu minn pjanti u stampi |
| 6.4 Il-bini tal-Belt Valletta | Ikunu jafu dwar il-preparamenti li saru minn qabel u dwar il-bini ta' din il-belt innifisha; ikunu jafu dwar ix-xogħol ta' l-arkitetti Laparelli u Ġlormu Cassar | Jifhmu għala nbniet din il-belt | Ikollhom tagħrif dwar il-bini importanti li hemm f'din il-belt li għadu jeżisti sal-lum<br>Jifhmu u japprezzaw is-sbuħija ta' din il-belt. | Ikunu esposti għall-belt kapitali ta' pajjiżna jew bi żjara għal hemmhekk inkella permezz ta' varjetà kbira ta' sorsi viżwali. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 6.5 Malta u t-Tieni Gwerra Dinjija | Ikollhom tagħrif dwar x'kien jiġri fil-gwerra u l-għajnuna li waslet; ikunu jafu dwar l-għotja tal-*George Cross* lil Malta u x'wassal għal din l-għotja | Jifhmu x'kienet tfisser din il-gwerra għal Malta**;** janalizzaw il-qagħda ta' Malta matul din il-gwerra | Jifhmu t-tibdil li sar fil-mentalità f'pajjiżna wara l-gwerra | Jaraw sorsi viżwali tas-sitwazzjoni li kienet tinsab fiha Malta u jinterpretaw kif kienu jħossu ruħhom in-nies f'dak iż-żmien |
| 6.6 Il-Jiem Nazzjonali ta' Malta. | Ikollhom tagħrif dwar il-jiem nazzjonali (Jum il-Vittorja, is-'*Sette Giugno'*, Jum l-Indipendenza, Jum ir-Repubblika u Jum il-Ħelsien) | Jifhmu x'wassal għal dawn il-kisbiet u janalizzaw l-importanza tal-ġrajjiet li l-Jiem Nazzjonali jirrappreżentaw | Jifhmu l-iżvilupp kostituzzjonali ta' Malta u t-tibdil u l-kontinwità li kien hemm matul iż-żmien | Jifhmu kif il-Maltin ħassew irwieħhom f'dak iż-żmien u x'aspirazzjonijiet oħra kellhom |

# PROGRAMM

# Is-Sitt Sena
# L-Ambjent Ġeografiku

## 6.1 It-Temp u l-Klima

| Miri tat-tagħlim | Noti |
|---|---|
| 6.1.1 It-temperatura ta' l-arja f'Malta: il-kejl bl-użu tat-termometru | Ħiliet: Jagħrfu jużaw direttament dan l-istrument u jafu jiġbru tagħrif minn fuqu.<br>Riżorsi: It-Termometru |
| 6.1.2 Ir-rappreżentazzjoni grafika tat-temperatura permezz ta' *line-graphs* | Ħiliet: Isiru jafu kif it-tagħrif miġbur mill-qari tat-termometru; jissarraf fi grafs. |
| 6.1.3 Ix-xita : il-kejl ta' l-ammont ta' xita f'Malta permezz tar-*rain-gauge* (pluvjumetru*)* | Ħiliet: Jagħrfu jużaw direttament dan l-istrument u jafu jiġbru tagħrif minn fuqu.<br>Riżorsi: Pluvjumetru magħmul mit-tfal stess |
| 6.1.4 Ir-rappreżentazzjoni grafika ta' l-ammont ta' xita bl-użu ta' *bar-graphs* | Ħiliet: Isiru jafu kif it-tagħrif miġbur mill-qari tal-pluvjumetru; dan jissarraf fi grafs. |
| 6.1.5 Ir-riħ: nagħrfu d-direzzjoni permezz tal-pinnur | Ħiliet: Jagħrfu jużaw direttament dan l-istrument u jafu jiġbru tagħrif minn fuqu. |
| 6.1.6 Ir-riħ: il-Warda ta' l-Irjieħ bil-Malti | Għerf: Biżżejjed jekk, f'dan l-istadju, jkunu jafu biss id-direzzjonijiet primarji u sekondarji (Tramuntana, Grigal, Lvant, Xlokk, Nofsinhar, Lbiċ, Punent, Majjistral). |
| 6.1.7 Ir-riħ: nagħrfu l-qawwa tar-riħ permezz ta' l-anemometru | Ħiliet: Jagħrfu jużaw direttament dan l-istrument u jafu jiġbru tagħrif minn fuqu.<br>Riżorsi: L-anemometru |

## 6.2 Il-Pajsaġġ u l-Proċessi Fiżiċi

| Miri tat-tagħlim | Noti |
|---|---|
| 6.2.1 L-Arċipelagu Malti: il-Gżejjer Maltin u l-pożizzjoni tagħhom fil-Mediterran | Ħiliet: Tajjeb li t-tfal jitgħallmu jużaw il-ħiliet fl-użu tal-Warda ta' l-Irjieħ biex jagħrfu jindikaw il-pożizzjoni tal-Gżejjer Maltin fil-Baħar Mediterran imqabbla ma' gżejjer u pajjiżi oħra f'dan il-Baħar.<br>Riżorsi: Mappa tal-Mediterran, Mappa tal-Gżejjer Maltin |
| 6.2.2 Il-pajsaġġ Malti: kif issawwar il-blat ta' Malta | Fehma: Importanti t-tifsira ta' 'sedimenti' u 'sedimentarju' u 'saffi'<br>Riżorsi: Kitba u stampi |
| 6.2.3 Liema huma l-ħames saffi tal-blat | Ħiliet: Tpinġija tal-ħames saffi tal-blat Malti<br>Fehma: Għarfien tal-blat Malti<br>Riżorsi: Kitba u stampi ta' kampjuni differenti ta' blat f'Malta |
| 6.2.4 X'inhuma fossili u kif ġew fis-saffi tal-blat f'Malta | Fehma: It-tifsira ta' 'fossila'<br>Jagħrfu x'tip ta' kreatura jew parti minn kreatura (arzell, rizza, bebbuxu, sinna, rukkell tad-dahar, ħuta, xitla).<br>Riżorsi: Kitba u xi stampi ta' fossili tipiċi Maltin |
| 6.2.5 It-tifsira elementari ta' l-ambjent fiżiku Malti:<br>• Għoljiet<br>• Widien<br>• Irdumijiet<br>• Bajjiet<br>• Għerien<br>• Daħliet | Fehma: Jagħrfu elementi ewlenin ta' l-ambjent fiżiku Malti.<br>Jagħrfu xi forzi li setgħu fasslu dawn il-forom jew elementi ġeografiċi (ġeneralment bl-ilma, bil-qawwa tal-baħar jew bit-terremoti) ; kif ukoll xi drabi bit-tibdil fit-temperatura ta' l-arja u saħansitra bil-qawwa tar-riħ. |
| 6.2.6 Eżempju wieħed ta' kull karatteristika ġeografika msemmija f'6.2.5 | Għerf: Biżżejjed jkunu jafu jsemmu eżempju wieħed ta' kull wieħed jew waħda li jeżistu fil-Gżejjer Maltin.<br>Riżorsi: Stampi u ritratti mill-ambjent fiżiku Malti |
| 6.2.7 Il-Baħar Mediterran: it-tliet fetħiet : il-Fliegu ta' Ġibilta`, il-Kanal tas-Swejz; id-Dardanelli | Ħiliet: Jagħrfu jaqraw u jiktbu dawn l-ismijiet u jindikaw sewwa dawn id-daħliet fuq il-mappa.<br>Riżorsi: Mappa tal-Mediterran |

| | |
|---|---|
| 6.2.8 Nagħrfu dawn il-gżejjer tal-Mediterran:<br>• Il-Gżejjer Baleariċi<br>• Korsika<br>• Sqallija<br>• Sardenja<br>• Kreta<br>• Ċipru | Ħiliet: Jagħrfu jaqraw u jiktbu dawn l-ismijiet u jindikaw sewwa dawn il-gżejjer fuq il-mappa.<br>Riżorsi: Mappa tal-Mediterran |
| 6.2.9 L-Ibħra li jinfdu miegħu: il-Baħar l-Iswed, il-Baħar l-Aħmar, l-Oċean Atlantiku | Ħiliet: Jagħrfu jaqraw u jiktbu dawn l-ismijiet u jindikaw sewwa dawn l-ibħra jew oċeani fuq il-mappa.<br>Riżorsi: Mappa tal-Mediterran |
| 6.2.10 Nagħrfu l-pajjiżi kollha li jmissu mal-Mediterran u ninkludu l-Portugal | Ħiliet: Jagħrfu jaqraw u jiktbu dawn l-ismijiet u jindikaw sewwa dawn il-pajjiżi fuq il-mappa.<br>Riżorsi: Mappa tal-Mediterran |

## 6.3 L-Użu ta' l-Art, Riżorsi u Tibdil

| Miri tat-tagħlim | Noti |
|---|---|
| 6.3 L-Użu ta' l-Art u tal-Baħar, Riżorsi u Tibdil | Attitudnijiet: Importanti li jifhmu l-kunċett li l-bniedem jibdel u juża' l-ambjent naturali biex ikun jista' jgħix aktar b'saħħtu, f'aktar kumdità u b'tama ta' kwalità ta' ħajja aħjar. |
| 6.3.1 Bliet, irħula jew inħawi Maltin:<br>• Il-Belt Valletta<br>• Il-Birgu<br>• Il-Gudja<br>• Ir-Rabat (Malta)<br>• Iċ-Ċirkewwa<br>• Victoria<br>• Ix-Xlendi<br>• Tas-Sliema<br>• Bormla<br>• Marsaxlokk<br>• Il-Mellieħa<br>• L-Imġarr (Għawdex)<br>• Marsalforn | Ħiliet: Ikunu jafu jaqraw u jiktbu dawn l-ismijiet u jafu wkoll jindikawhom fuq il-mappa. Jagħrfu jgħidu f'liema raħal jew belt ikun jinsab bini indikat b'ritratt jew stampa.<br>Riżorsi: Mappa tal-Gżejjer Maltin, stampi u ritratti ta' bini importanti ħafna f'dawn l-ibliet u l-irħula |
| 6.3.2 Il-Biedja: Kif tinqasam il-biedja, jiġifieri xogħol fir-raba' u trobbija tal-bhejjem | Ħiliet : Jitgħallmu jagħrfu jiddistingwu dawn iż-żewġ setturi tal-biedja.<br>Riżorsi: Kitba, stampi jew ritratti |
| 6.3.3 Xi problemi fix-xogħol tal-bidwi u tar-raħħal | Għerf: M'hemmx għalfejn dettalji żejda: biżżejjed jissemmew problemi ewlenin bħal spejjeż kbar għall-għodda, trasport, mard ta' l-annimali u tal-ħxejjex, ħsarat mill-maltemp, ħamrija fqira, nuqqas ta' ilma għall-annimali jew għat-tisqija u kompetizzjoni mal-barranin.<br>Ħiliet: Ikunu jafu jsemmu dawn il-problemi, jiddiskutu dwarhom u jiktbu fil-qosor fuqhom.<br>Riżorsi: Kitba, stampi u filmati |
| 6.3.4 Razzett u qasam modern tal-biedja | Ħiliet: Xi tfal ikunu kapaċi jwasslu l-esperjenzi tagħhom dwar xi razzett jew qasam tal-biedja, jew għax qrib darhom jew għax membri tal-familja jaħdmu dan it-tip t'ambjent.<br>Riżorsi: Kitba, stampi, ritratti jew vidjow dwar razzett jew qasam modern f'Malta. |

| | |
|---|---|
| 6.3.5 L-Oqsma Industrijali: tifsira | Fehma: M'hemmx għalfejn tifsira riġida u sterjotipata: wara li jkunu ddiskutew il-kunċett mal-għalliem, jitħallew ftit ħielsa biex jagħtu l-interpretazzjoni tagħhom.<br>Ħiliet: Ikunu jafu jiddiskutu dan it-terminu u jkunu kapaċi jiktbu fil-qosor dwaru. |
| 6.3.6 Il-fabbriki: tifsira | Fehma: M'hemmx għalfejn tifsira riġida u sterjotipata: wara li jkunu ddiskutew il-kunċett mal-għalliem, l-istudenti jitħallew ftit ħielsa biex jagħtu l-interpretazzjoni tagħhom.<br>Ħiliet: Ikunu jafu jiddiskutu dan it-terminu u jkunu kapaċi jiktbu fil-qosor dwaru. |
| 6.3.7 Il-fabbriki: importazzjoni ta' materja prima u esportazzjoni ta' prodotti lesti | Fehma: Juru li fehmu l-kunċett elementari ta' kif suppost taħdem fabbrika. Importanti li jifhmu t-termini: importazzjoni, materja prima, esportazzjoni u prodotti. Ikunu jafu jiddistingwu bejn materja prima u prodott lest.<br>Riżorsi: Kitba u varjetà kbira ta' stampi bħala eżempji ta' dawn kollha |
| 6.3.8 Nagħrfu fejn huma tnejn minn dawn l-oqsma industrijali:<br>• ta' San Ġwann<br>• tal-Marsa<br>• ta' Kordin<br>• tar-Rikażli<br>• ta' l-Imrieħel<br>• ta' Ħal Far<br>• ta' Bulebel<br>• tax-Xewkija | Ħiliet: Jafu jaqraw u jiktbu dawn l-ismijiet u jafu wkoll jindikaw posthom sewwa fuq il-mappa. (Tnejn minnhom biżżejjed għal skop ta' assessjar.)<br>Riżorsi: Mappa tal-Gżejjer Maltin, stampi u ritratti |

| | |
|---|---|
| 6.3.9 Trasport fuq l-Art: mezzi ta' trasport illum, bħal ma huma karozzi privati u mezzi pubbliċi jew kummerċjali bħal tal-linja, kowċis, taxis, *minibuses*, trakkijiet. | Għerf: Ikunu jafu jsemmu eżempji, bħalma huma karozzi privati u mezzi pubbliċi jew kummerċjali bħal tal-linja, kowċis, taxis, *minibuses*, trakkijiet, muturi u roti.<br>Riżorsi : Kitba; stampi varji ta' xi wħud minn dawn il-mezzi li naraw f'Malta. It-tpinġija għandha tkun mezz biex inkunu ċerti li qed jifhmu t-terminu 'mezz ta' trasport' |
| 6.3.10 Toroq moderni f'Malta: *bypasses, flyovers* | Fehma: Ikunu jistgħu jqabblu u jifhmu t-terminu 'modern'.<br>Riżorsi: Kitba, stampi u ritratti b'referenza wkoll għal dak li kien hemm fl-imgħoddi. |

## 6.3 Stili ta' ħajja u ħarsien ambjentali

| Miri tat-tagħlim | Noti |
|---|---|
| 6.4 Stili ta' ħajja u ħarsien ambjentali | Attitudnijiet: Marbuta ħafna man-nota f'6.3. It-tibdil li jwettaq il-bniedem irid ikun imsensel mas-sostenibbiltà, jiġifieri li kull element jew forma ambjentali trid tiġi użata bil-qies biex din titgawda u tintuża mill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.<br>Riżorsi: Kitba, stampi u tpinġija |
| 6.4.1 Id-differenzi ewlenin bejn ħajja fil-kampanja u ħajja fl-ibliet Maltin | Fehma: Ikunu jafu jiddistingwu billi jagħrfu l-elementi bażiċi li jwasslu għal dawn id-differenzi fl-istil tal-ħajja. Tajjeb li jkunu jafu ftit vantaġġi u ftit żvantaġġi għal kull għażla minnhom (jekk ngħixu fil-kampanja jew fl-ibliet).<br>Riżorsi: Kitba, stampi, ritratti u vidjows tal-ħajja fl-ibliet u fil-kampanja |
| 6.4.2 Il-ħajja tal-bdiewa fil-kampanja Maltija | Fehma: Jafu jesprimu l-ideat tagħhom dwar din l-istil ta' ħajja permezz ta' tpinġija, qari, kitba, tifsira orali. Importanti li ma tiffurmax stampa wisq romantika; xi żvantaġġi għandhom jissemmew ukoll.<br>Riżorsi: Kitba, stampi u ritratti, u t-tpinġija tat-tfal stess |
| 6.4.3 Tniġġis li jsir minħabba ċerti fabbriki | Fehma: Jafu xi jfisser tniġġis u kapaċi jiddiskutu, jaqraw u jiktbu b'mod ħafif dwar dan is-suġġett. Għandhom ikunu evitati referenzi għal ismijiet xjentifiċi tas-sorsi tat-tniġġis. Għandu jissemma wkoll tniġġis li ma jistax jitwassal grafikament, bħalma huwa dak li jsir permezz ta' ħoss jew storbju, irwejjaħ, barra pressjoni żejda ta' xogħol u attività industrijali fi spazji ristretti wisq jew iffullati.<br>Riżorsi: Stampi u ritratti ta' fabbriki f'Malta fejn jidhru ċari eżempji ta' tniġġis: skart mitfugħ bl-addoċċ, ċmieni jdaħħnu |
| X'ikun riċiklaġġ u ftit eżempji ta' kif jista' jsir (metalli, karta u ħġieġ) | Fehma: Ikollhom tagħrif bażiku kif isir ir-riċiklaġġ u għalfejn isir.<br>Riżorsi: Kitba, stampi u filmati ta' dawn il-proċessi industrijali |

| | |
|---|---|
| 6.4.5 It-tniġġis ta' l-arja u t-traffiku | Fehma: Jagħtu eżempji ta' tniġġis bħal duħħan ħiereġ mill-pajpijiet ta' l-ekżost. Għandu jissemma wkoll tniġġis li ma jistax jitwassal grafikament, bħalma huwa dak li jsir permezz ta' l-istorbju mill-magni u mill-ħornijiet tal-karozzi.<br>Riżorsi: Kitba, stampi u ritratti tat-traffiku qawwi f'Malta fejn jidhru ċari eżempji ta' tniġġis bħal duħħan ħiereġ mill-pajpijiet ta' l-ekżost |
| 6.4.6 Is-sigurta` fit-toroq u l-imġiba tagħna | Attitudnijiet: Ikunu kapaċi jiddiskutu dwar l-imġiba ideali fit-toroq, kemm tagħhom stess bħala pedestrijani u kemm dwar l-adulti, bħala sewwieqa. Din il-mira tintrabat ma' 6.3.9 u mas-sillabu ta' l-aspett ċiviku.<br>Riżorsi: Kitba, stampi gwida dwar l-edukazzjoni taċ-ċittadini fit-triq |

# PROGRAMM

# Is-Sitt Sena
# L-Ambjent Soċjali

## 6.1 Jien u l-Oħrajn

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 6.1.1 Jagħrfu kif huma jagħmlu parti minn grupp u kif għandhom rwol fil-grupp | Dawn l-esperjenzi ta' tagħlim ikomplu jiżviluppaw fit-tfal l-aspetti soċjali tal-ħajja ta' l-individwu u r-rabta tiegħu/tagħha mas-soċjetà. Ara wkoll it-tema *Insewwu l-Konflitti* fit-Tema *Ir-Relazzjonijiet* u t-tema *Insolvu l-Problemi* fit-Tema *L-Iżvilupp Spiritwali u Morali* fil-PSD. F'din il-mira t-tfal huma mistennija jiddeskrivu bil-kliem u bil-kitba l-esperjenzi pożittivi tagħhom fil-grupp. Huma jiddeskrivu bil-kitba min huma 'l-oħrajn'— 'oħrajn' fil-qrib (familja, sħab tal-klassi), 'oħrajn' inqas fil-qrib (ġirien, nies tal-lokalità), oħrajn' 'il bogħod (nies f'pajjiżi oħra fl-Ewropa u fid-dinja). |
| 6.1.2 Juru ħiliet differenti meħtieġa għall-ħajja tal-grupp | Juru li jafu jisimgħu 'l-oħrajn, jiddiskutu, jaħdmu flimkien bħala grupp, jaraw id-differenzi bejniethom u jaċċettawhom fi kliemhom u bl-imġiba tagħhom, isolvu xi konflitti li jinqalgħu, juru sens ta' *leadership* billi jwasslu xi messaġġ lill-grupp, jgħinu biex jissolvew xi konflitti, jorganizzaw xi attività. |
| 6.1.3 Jibdew jifhmu kif is-sens ta' solidarjetà jagħmilna aktar qrib ta' l-oħrajn | Iwieġbu mistoqsijiet dwar sitwazzjonijiet ta' solidarjetà; jirrekordjaw b'kitba f'għamla ta' paragrafu esperjenzi ta' solidarjetà, fil-ħajja personali u dik ta' l-oħrajn. Isemmu eżempji ta' solidarjetà fl-Ewropa, eż. għajnuniet fi flus waqt diżastri naturali, il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, għajnuna umanitarja f'postijiet ta' konflitt u gwerra, il-koperazzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità. |

## 6.2 Komunikazzjoni

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 6.2.1 Jifhmu kif il-komunikazzjoni soċjali tgħin liċ-ċittadin jgħix f'aktar demokrazija | Permezz ta' dawn l-esperjenzi l-istudenti jifhmu aktar kif il-komunikazzjoni ma' l-oħrajn u ma' l-istituzzjonijiet fis-soċjetà hija l-bażi ta' ħajja demokratika għaċ-ċittadini. Irreferi għat-Temi *Il-Komunikazzjoni* u *Ir-Relazzjonijiet* fil-programm tal-PSD. Hawnhekk it-tfal huma mistennija jkunu jafu jidentifikaw bil-kliem u bil-kitba simboli ta' komunikazzjoni, bħal Lingwa. Jiddeskrivu bil-kliem u bil-kitba kif l-istituzzjonijiet soċjali (il-Familja, il-Partiti Politiċi, il-Gvern, il-Kunsill Lokali u l-Media) isaħħu l-komunikazzjoni soċjali. |
| 6.2.2 Jifhmu kif id-demokrazija għaċ-ċittadin tissaħħaħ b'komunikazzjoni effettiva u kif il-komunikazzjoni tgħin u ssaħħaħ il-ħajja taċ-ċittadin fis-soċjetà | Isemmu u jiddeskrivu fatturi li jgħinu l-komunikazzjoni, bħal tisma' u tifhem aktar 'l-oħrajn, l-użu tal-mezzi ta' komunikazzjoni (ġurnali, kotba, radju, televixin, ċinema), l-espressjoni ta' ideat differenti u r-rispett lejn dawn l-ideat, id-diskussjonijiet privati u fil-pubbliku, l-aċċettazzjoni ta' nuqqas ta' qbil u konflitti bħala parti mill-interazzjoni soċjali u l-ħila li ssolvi dawn il-konflitti. |
| 6.2.3 Jesperimentaw bl-email u l-Internet biex jikkomunikaw ma' tfal oħra fl-Ewropa u jsaħħu l-valuri ta' ħbiberija u solidarjetà | Isemmu eżempji ta' komunikazzjoni mill-Proġett ta' l-iskola fil-programm Socrates biex juru l-valuri tal-ħbiberija u paċi bejn it-tfal fl-Ewropa u fid-dinja. Jistgħu jieħdu xi wħud minn dawn l-eżempji u jiktbuhom man-noti ta' l-Istudji Soċjali. |

## 6.3 Jien u l-Ambjent

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 6.3.1 Jibdew jagħrfu u jifhmu kif is-soċjetà hi organizzata f'arranġamenti soċjali jew istituzzjonijiet | It-tfal jifhmu aktar x'inhu l-ambjent soċjali billi jagħrfu kif il-bniedem organizza aħjar is-soċjetà meta waqqaf l-istituzzjonijiet biex jaqduh fil-bżonnijiet differenti tiegħu. Biżżejjed f'dan il-livell deskrizzjoni ħafifa u diskussjoni żgħira fuq dawn it-tliet istituzzjonijiet: il-Familja, l-Edukazzjoni, is-Saħħa. Biex juru li qegħdin jaħdmu ma' din il-mira ta' tagħlim, it-tfal jagħtu deskrizzjoni tal-Familja, l-Edukazzjoni, is-Saħħa u jagħmlu diskussjoni żgħira dwar dawn. Issir ukoll diskussjoni bħala klassi jew fi gruppi dwar ir-relazzjoni tagħna ma' dawn it-tliet istituzzjonijiet. Tkompli d-diskussjoni bil-kliem u bil-kitba dwar ir-relazzjoni ta' dawn l-istituzzjonijiet mas-soċjetà: x'qed tieħu s-soċjetà mill-familja? Mis-sistema ta' l-edukazzjoni? Mis-servizzi tas-saħħa? Hawnhekk tajjeb li tiġi enfasizzata r-rabta ta' dawn l-istituzzjonijiet mas- soċjetà. |
| 6.3.2 Jagħrfu u jifhmu kif dawn l-istituzzjonijiet insibuhom f'Malta, fl-Ewropa u fid-dinja | Ikunu jafu li l-Unjoni Ewropea għandha liġijiet li jħarsu l-familja, l-edukazzjoni, is-saħħa, eż. drittijiet tat-tfal, drittijiet ta' *leave* mix-xogħol għall-ommijiet u missirijiet li jkunu għadhom irabbu tfal żgħar, programmi ta' edukazzjoni u taħriġ, liġijiet dwar is-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. |
| 6.3.3 Jaraw l-Unjoni Ewropea bħala istituzzjoni b'saħħitha li tħares id-drittijiet tal-bniedem | Tassigura l-benefiċċji waqt il-mard; tirregola l-pensjoni għal min jirtira mix-xogħol. |
| 6.3.4 Ikunu jafu li l-Unjoni Ewropea għandha regoli (direttivi) fl-interess ta' l-ambjent | Biżżejjed insemmu l-eżempju tal-Magħtab u ta' l-*engineered landfills* f'Malta biex infiehmu lit-tfal dwar ir-regoli jew direttivi ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-ħarsien ta' l-ambjent. Tajjeb insemmu hawnhekk ir-rabta bejn l-ambjent, l-iżvilupp, il-wirt storiku u s-saħħa. |

# PROGRAMM

# Is-Sitt Sena
# L-Ambjent Storiku

## 6.1 Iż-żmien preistoriku u l-ewwel nies li għexu f'Malta

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 6.1.1 Ikunu jafu fuq l-ewwel nies f'Malta u x-xogħol tagħhom | It-tfal għandhom ikunu jafu li<br>• l-ewwel nies ġew minn Sqallija billi dan kien l-aktar post fil-qrib. Huma ġew fuq xi ċatra jew speċi ta' *raft*.<br>• l-ewwel xogħol tagħhom kien ta' xi bdiewa, rgħajja, kaċċaturi jew sajjieda.<br>• l-għanijiet ta' l-ewwel nies fix-xogħol tagħhom kien li joħolqu għajxien tajjeb għalihom u għal nieshom, jiksbu tagħrif biex inaqqsu t-tbatija u joħolqu ħwejjeġ sbieħ. |
| Ikunu jafu dwar it-twemmin reliġjuż ta' l-ewwel nies f'Malta | It-tfal għandhom ikunu jafu li<br>• dak iż-żmien in-nies li kienu jgħixu f'Malta kienu jaduraw allat foloz.<br>• huma kienu bnew ħafna tempji differenti lil dawn l-allat.<br>• huma kienu jużaw ġebel kbir u li dan il-ġebel kienu jeħduh minn post għall-ieħor billi jġorruh fuq ġebel tond iżgħar.<br>• nstabu fdalijiet differenti ta' dawn l-imqades f'postijiet differenti f'pajjiżna.<br>Referenza: Id-Denfil 6, Paġni 32-36, 48-50<br><br>Ikunu jafu fuq l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni u t-tempju tal-Ġgantija. Dettalji dwar tempji oħra m'hemmx għalfejn jiġu studjati.<br>Huma mistennija li jkunu jafu xi jfissru dawn il-kliem: menħir, *dolmen*, Neolitiku, Megalitiku, Ipoġew u *'Sancta Sanctorum'*. |

| | |
|---|---|
| 6.1.2 Jifhmu għala Għar Dalam hu importanti fl-istudju tal-preistorja ta' Malta<br><br><br><br><br><br><br><br><br><br><br>Jifhmu l-vantaġġi li sab l-ewwel bniedem f'Malta | It-tfal għandhom jifhmu li:<br>• kien hemm żmien li ma għandna xejn bil-miktub dwaru u li nafu fuqu biss mill-fdalijiet li nstabu mill-arkeoloġi.<br>• Għar Dalam huwa l-akbar xhieda li Malta mhux dejjem kienet gżira. Hemmhekk instabu għadam ġebli jew fossili ta' ippopotami, iljunfanti, ċriev, orsijiet u bhejjem oħra kbar u slavaġ li qatt ma setgħu jgħixu fi gżira hekk żgħira fejn l-ikel u xorb qatt ma kienu biżżejjed.<br>• għalhekk Malta kienet magħquda ma' l-Ewropa u forsi wkoll ma' l-Afrika.<br>Huma mistennija li kienu jafu xi jfissru l-kliem 'preistorja' u 'arkeoloġija'.<br><br>Jifhmu li hawn Malta dawn in-nies sabu vantaġġi kbar. Uħud minn dawn il-vantaġġi kienu li l-klima kienet tajba biex tkabbar l-uċuħ, li kien hemm il-baħar fil-qrib fejn seta' jsir is-sajd, li setgħu jikkaċċjaw u li l-ġebla tal-franka li sabu hawn Malta kienet tajba għall-bini. |
| 6.1.3 Jifhmu li l-bniedem beda jagħmel progress kbir minn dak iż-żmien meta ma kellu l-ebda kumditajiet | Il-progress li beda jsir<br>• fl-għodda li kien juża<br>• fil-bini tad-djar tiegħu u fil-bini tat-tempji<br>• fil-biċċiet tal-baħar li kien juża |
| 6.1.4 Ikollhom tagħrif dwar il-fdalijiet preistoriċi li nstabu u jkunu jafu jinterpretaw dawn il-fdalijiet | • Il-menħir u d-*dolmen*<br>• Tinqix u tpinġija<br>• Ġiżirani, fajjenza u statwi li nstabu |

## 6.2 Il-Miġja ta' San Pawl f'Malta

| Miri ta' Tagħlim | | Noti |
|---|---|---|
| 6.2.1 | Ikunu jafu l-ġrajja tan-nawfraġju ta' San Pawl | Għandha tingħata importanza lir-rakkont tal-miġja ta' San Pawl kif imsemmi fl-*Atti ta' l-Appostli*.<br>Referenza: Id-Denfil 4 paġni 52-55 |
| 6.2.2 | Jifhmu għala San Pawl kellu jagħmel dan il-vjaġġ u l-importanza għalina l-Maltin ta' din il-ġrajja<br><br>Jifhmu kif dan ta l-ewwel spinta lit-twemmin nisrani f'pajjiżna | • L-akkużi li saru kontrieh<br>• It-talba tiegħu biex jitressaq quddiem qorti f'Ruma bħala ċittadin Ruman<br><br>• Id-dħul tat-twemmin Nisrani f'pajjiżna<br>• Il-laqgħa tajba li offrew il-Maltin<br>• Il-fejqan ta' missier Publiju u l-ħatra tiegħu bħala Isqof ta' gżiritna<br>• Minkejja dan mhux il-Maltin kollha saru Nsara mill-ewwel billi kien għad baqa' mexxejja pagani. Xhieda ta' dan huma l-imqades ta' l-allat tar-Rumani li baqgħu miftuħa għall-qima eż. Tas-Silġ. |
| 6.2.3 | Jaraw kif din il-ġrajja għadha ħajja fostna billi Malta baqgħet tħaddan it-twemmin Nisrani sal-lum | It-Twemmin Nisrani baqa' nieżel sa żmienna u hu wieħed mis-sisien tal-kultura tagħna. |
| 6.2.4 | Ikunu konxji tal-postijiet marbuta mal-miġja ta' San Pawl f'Malta. Jempatizzaw kif ħassew ruħhom il-Maltin meta laqgħu fosthom lil San Pawl | Ismijiet ta' postijiet marbuta ma' San Pawl li jinsabu f'Malta eż. il-Bajja ta' San Pawl, Għajn Rażul, San Pawl Milqi, il-Knisja tal-Ħuġġieġa, il-Grotta tar-Rabat |

## 6.3 L-Assedju l-Kbir ta' l-1565

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 6.3.1 Ikollhom tagħrif dwar il-fortifikazzjonijiet li kienu jeżistu f'Malta qabel l-Assedju l-Kbir | La Vallette ried jibbaża d-difiża l-aktar fuq il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-Port il-Kbir billi l-Imdina u ċ-Ċittadella f'Għawdex kienu dgħajfa għax kienu 'l bogħod mill-bqija tad-difiża ta' l-Ordni.<br>Il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-Port il-Kbir kienu<br>• l-Isla, imħarsa mill-Forti San Mikiel<br>• il-Birgu, imħares mill-Forti Sant'Anglu<br>• Forti Sant'Iermu, fit-tarf ta' l-Għolja Xiberras |
| Ikunu jafu l-ġrajjiet ewlenin ta' l-Assedju l-Kbir | Il-punti prinċipali għandhom ikunu<br>• Il-flotta Torka tasal Malta u titħalla fil-port ta' Marsamxett<br>• It-Torok jagħmlu l-kamp tagħhom il-Marsa u jibdew l-attakk fuq Sant'Iermu<br>• Wara huma jattakkaw lill-Birgu u l-fortizza ta' San Mikiel<br>• It-Torok jirbħu Sant'Iermu<br>• It-Torok ma setgħux jirbħu l-fortizzi l-oħra<br>• Meta ġriet l-aħbar li waslet l-għajnuna minn barra lill-Ordni, it-Torok qabdu x-xwieni tagħhom u telqu lura lejn pajjiżhom<br><br>Referenza: Id-Denfil 5, paġni 131-132, Id-Denfil 6, paġni 163-166 |
| 6.3.2 Jifhmu għala t-Torok attakkaw lil Malta | Ir-raġunijiet prinċipali kienu<br>• Il-qagħda stateġika ta' Malta f'nofs il-Mediterran<br>• Il-kwistjoni tar-reliġjon (dik Nisranija kontra dik Islamika)<br>• L-Ordni ta' San Ġwann minn dejjem kienet l-għadu kbir tat-Torok eż. l-attakki fuq ix-xwieni Torok |
| Jifhmu d-diffikultajiet li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom iż-żewġ naħat | Il-punti prinċipali huma:<br>• It-Torok kellhom iżjed suldati mill-Ordni ta' San Ġwann.<br>• Il-Kavallieri u l-Maltin kienu magħluqa ġewwa l-fortizzi li kienu b'saħħithom u armati tajjeb. |

| | |
|---|---|
| | • It-Torok riedu jirbħu lil Malta fi żmien qasir għaliex beżgħu mill-maltemp tax-xitwa billi kienu 'l bogħod minn pajjiżhom.<br>• It-Torok kienu qegħdin jibżgħu li tasal l-għajnuna lill-Ordni mill-pajjiżi Nsara.<br>• It-Torok ma sabux x'jieklu u x'jixorbu billi l-Maltin qerdu kollox qabel ma ngħalqu fil-fortizzi. B'hekk sabu nuqqas ta' ilma fi żmien is-sħana kbira tas-sajf.<br>• It-Torok kellhom jippruvaw jixxabbtu mas-swar.<br>• It-Torok ma setgħux iħaffru mini taħt is-swar tal-fortifikazzjonijiet minħabba l-blat iebes ta' Malta.<br>• Kien hemm nuqqas ta' ftehim bejn il-kapijiet Torok.<br>• It-Torok riedu jieħdu ħsieb il-flotta tagħhom billi din kienet l-uniku mezz li setgħu jużaw biex imorru lura lejn pajjiżhom. |
| 6.3.3 Janalizzaw x'kienet tfisser għal Malta u għall-Ordni ta' San Ġwann din ir-rebħa | • Malta dehret bħala t-tarka tal-Kristjaneżmu u t-Torok ma reġgħux attakkawna.<br>• Il-Prinċpijiet Insara fiehmu iżjed l-importanza ta' Malta u għenu bil-flus fil-bini tal-belt Valletta li beda dritt wara.<br>• Il-Kavallieri bdew jissejħu Kavallieri ta' l-Ordni ta' Malta u issa ntrabtu iżjed mill-qrib ma' pajjiżna billi ddeċidew li jibqgħu hawn.<br>• Il-ġid f'pajjiżna beda jikber u Malta bdiet it-triq tal-progress. |
| Ikunu konxji li dawn il-fortifikazzjonijiet għadhom wieqfa sal-ġurnata tal-lum | Jifhmu li ħafna mill-fortifikazzjonijiet li ntużaw matul l-Assedju l-Kbir ġew restawrati u għadhom jidhru sal-lum eż. Sant'Anġlu u Sant'Iermu. |
| 6.3.4 Jaraw u jifhmu l-fortifikazzjonijiet li kienu jeżistu minn pjanti u stampi | Ikunu jafu u jifhmu l-pożizzjoni strateġika tal-postijiet ewlenin li ntużaw matul l-Assedju l-Kbir. |

## 6.4 Il-Bini tal-Belt Valletta

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 6.4.1 Ikunu jafu dwar il-preparamenti li saru minn qabel u dwar il-bini ta' din il-belt innifisha | It-tfal għandhom ikunu jafu l-punti prinċipali fil-bini tal-belt Valletta.<br>• Il-pjanta għal din il-belt (forma ta' grada bi triq dawra mejt madwarha)<br>• L-għajnuna li ngħatat lill-Ordni<br>• L-għażla ta' l-isem għal din il-belt<br>• Il-ħaddiema li nġabu biex ix-xogħol isir malajr<br>• Ma saret l-ebda parti riżervata għall-kavallieri biss *(Collachio)*<br>• Il-ġebel għal bini inqata' mill-Mandraġġ<br>• L-Ordni tmur tgħix fil-belt il-ġdida fl-1571.<br><br>Referenza: Id-Denfil 5, paġni 136-139. |
| Ikunu jafu dwar ix-xogħol ta' l-arkitetti Laparelli u Ġlormu Cassar | • Laparelli fassal il-pjanta tal-belt Valletta.<br>• Ġlormu Cassar kompla x-xogħol fuq il-belt Valletta u fassal ħafna mill-bini li hemm ġewwa l-belt. |
| 6.4.2 Jifhmu għala nbniet din il-belt | • Il-ħerba kbira li ħalla l-Assedju l-Kbir fuq il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-Port il-Kbir<br>• Il-biża' ta' attakk mill-ġdid mit-Torok<br>• Il-pożizzjoni strateġika ta' l-Għolja Xiberras bħala peniżola li kienet tħares fuq il-portijiet il-kbar |
| 6.4.3 Ikollhom tagħrif dwar il-bini importanti li hemm f'din il-belt li għadu jeżisti sal-lum | • Il-palazz tal-Gran Mastru<br>• Il-bereġ tal-kavallieri<br>• Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann<br>• Is-Sagra Infermerija |

| | |
|---|---|
| Jifhmu u japprezzaw is-sbuħija ta' din il-belt | • Belt kapitali ta' mexxejja nobbli u sinjuri<br>• Regoli biex tinżamm is-sbuħija tal-belt eż. tiżjin fil-kantunieri u skultura<br>• Bini ieħor li jsebbaħ fil-belt eż. il-bini ta' knejjes, funtani u monumenti<br>• Spinta lill-kultura eż. il-bini tat-teatru<br>• Il-bini tad-djar privati |
| 6.4.4 Ikunu esposti għall-belt kapitali ta' pajjiżna jew bi żjara għal hemmhekk inkella permezz ta' varjetà kbira ta' sorsi viżwali | Jingħataw l-opportunità li jżuru l-belt Valletta jekk dan ikun possibbli. L-użu ta' sorsi viżwali għandu jkun inkoraġġut biex jifhmu aħjar l-importanza stateġika u s-sbuħija ta' din il-belt. |

## 6.5 Sehem Malta fit-Tieni Gwerra Dinjija

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 6.5.1 Ikollhom tagħrif dwar x'kien jiġri fil-gwerra<br><br><br><br>Ikollhom tagħrif dwar l-għajnuna li waslet<br><br><br><br>Ikunu jafu dwar l-għotja tal-*George Cross* lil Malta u x'wassal għal din l-għotja | • It-tbatija kbira u l-ġuħ u l-għaks li sofrew il-Maltin<br>• Il-ħbit mill-ajru u l-ħsara fil-bini<br>• L-użu tax-xelters<br>• Id-difiża ta' Malta matul il-gwerra<br><br>Ikunu jafu l-importanza tal-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija.<br><br>• Il-kuraġġ kbir tal-Maltin<br>• L-għotja tal-*George Cross* bħala rikonoxximent tal-qlubija tal-Maltin u s-sagrifiċċju li kienu qegħdin jagħmlu<br><br>Referenza: Id-Denfil 6, paġni 202-210 |
| 6.5.2 Jifhmu x'kienet tfisser din il-gwerra għal Malta u janalizzaw il-qagħda ta' Malta matul din il-gwerra | • Għaliex inqalgħet din il-gwerra<br>• Il-pożizzjoni strateġika ta' Malta<br>• L-effetti li Malta kienet qrib l-Italja<br>• Storja ta' tbatija u ta' qtigħ il-qalb |
| 6.5.3 Jifhmu t-tibdil li sar fil-mentalità f'pajjiżna wara l-gwerra | Jifhmu li din il-gwerra ġabet tibdil fil-mentalità tal-Maltin li issa kienu tħalltu sew mal-barrani. B'hekk huma ddakkru wkoll mill-istil ta' ħajja tagħhom u mill-kultura tagħhom. |
| 6.5.4 Jaraw sorsi viżwali tas-sitwazzjoni li kienet tinsab fiha Malta u jinterpretaw kif kienu jħossu ruħhom in-nies f'dak iż-żmien | Jimmaġinaw kif kienet il-qagħda tan-nies differenti f'Malta u l-aspirazzjonijiet tagħhom f'dawk iż-żminijiet diffiċli. |

## 6.6 Il-Jiem Nazzjonali ta' Malta

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 6.6.1 Ikollhom tagħrif dwar il-Jiem Nazzjonali<br>Jum il-Vittorja<br>Is-*Sette Giugno*<br>Jum l-Indipendenza<br>Jum ir-Repubblika<br>Jum il-Ħelsien | It-tfal għandhom ikunu jafu dwar<br>• Il-kontribut tal-Maltin matul l-Assedju l-Kbir u t-Tieni Gwerra Dinjija<br>• Il-ġrajja tas-*Sette Giugno* fil-qasir<br>• It-talba tal-Gvern Malti biex Malta ssir pajjiż li jmexxi lilu nnifsu u kif din it-talba ntlaqgħet mill-Ingliżi<br>• Il-kostituzzjoni l-ġdida li fissret it-tneħħija tar-Reġina ta' l-Ingilterra minn Kap ta' l-Istat u tar-rappreżentant tagħha f'Malta, il-Gvernatur Ġenerali<br>• It-tmiem tal-ftehim bejn Malta u l-Ingilterra li permezz tiegħu it-truppi Inglizi kienu baqgħu hawn Malta |
| 6.6.2 Jifhmu x'wassal għal dawn il-kisbiet u janalizzaw l-importanza tal-ġrajjiet li l-Jiem Nazzjonali jirrappreżentaw | • Jifhmu l-importanza tat-tmienja ta' Settembru għal Malta li rnexxielha tirreżisti lill-għadu tagħha. (it-Torok fl-Assedju l-Kbir ta' l-1565 u t-tmiem tat-Tieni Assedju fl-1943)<br>• Jifhmu kif l-irvellijiet tas-*Sette Giugno* wasslu għall-kostituzzjoni ta' l-1921.<br>• Jifhmu kif Malta saret nazzjon independenti fl-1964 u t-tmexxija ta' l-affarijiet kollha għaddiet f'idejn il-Gvern Malti.<br>• Jifhmu kif bil-Kostituzzjoni ta' l-1974 il-Kap ta' l-Istat Malti beda jkun Malti li jinħatar mill-Parlament Malti<br>• Jifhmu kif bit-tmiem tal-bażi militari Ingliża f'Malta fl-1979 l-ekonomija ta' Malta ma baqgħetx tiddependi min-nefqa tas-servizzi Ingliżi iżda mill-industrija u s-servizzi. |
| 6.6.2 Jifhmu l-iżvilupp kostituzzjonali ta' Malta u t-tibdil u l-kontinwità li kien hemm matul iż-żmien | Jifhmu kif il-Maltin bdew jiksbu d-drittijiet tagħhom bħala nazzjon bil-mod il-mod u kif il-kisbiet li għamlu l-Maltin kienu mibnija waħda fuq oħra. |
| 6.6.4 Jifhmu kif il-Maltin ħassew irwieħhom f'dak iż-żmien u x'aspirazzjonijiet oħra kellhom | Jiżviluppaw sens ta' empatija taċ-ċirkustanzi differenti li jirrappreżentaw dawn il-Jiem Nazzjonali. |